**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Frar 2016**

Rikors Guramentat Nru. 166 / 11RGM

Kawza fil-lista: 15

**C V De G**
**vs**
**X Di F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fl-20 ta' Mejju 2011 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-kontendenti zzewwgu fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal-Lija fl-l ta' Mejju 2003 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel, Y Di F, li llum ghandu sitt snin u nofs;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' zewg digrieti moghtija f' dan is-sens minn dina l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Marzu 2011 u fil-5 ta' April 2011;

Illi l-problemi matrimonjali kienu jezistu mill-bidu taz-zwieg principalment minhabba sevizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenut. Id-dizgwid ta' bejn il-kontendenti kien rizultat tal-atteggjament egoistiku, dominanti u nuqqas ta' responsabbilita' tal-konvenut, liema atteggjament fil-konfront tal-attrici baqa' jaggrava wara t-twelid tat-tifel minuri fejn l-konvenut ghalkemm minn banda wahda kien jehles mir-responsabilita' tieghu ta' missier u dejjem halla f'idejn 1-attrici t-trobbija tat-tifel minuri minghajr ebda ghajnuna minn naha tieghu, mill-

bandu l-ohra kien jippretendi li ghandu d-dritt li jinsulentaha bil-mod kif qeghda trabbi lill-istess minuri;

Illi peress illi x-xoghol tal-konvenut jirrekjedi illi huwa jahdem Malta u kif ukoll gewwa l-Italja mal-Missione Italiana Di Assistenza Tecnico Militare l-attrici ghamlet zmien gejja u sejra lejn l-Italja b'tifel zghir minghajr l-ebda ghajnuna kemm materjali jew emozzjonali tal-konvenut;

Illi l-attrici ghaddiet il-hajja matrimonjali taghha b'zewgha kostantement jghajjarha, jinsolenta u b'mod regolari kien jhalliha wehedha filwaqt illi huwa jghix hajja ta' guvni u johrog wahdu filwaqt illi jhalli lill-martu u lill-ibnu wehedhom fid-dar matrimonjali;

Illi l-attrici tiddikjara illi zewgha kien imdejjaq jghix Malta u qatt ma' ried jazzetta ruhu hawn Malta mal-attrici u ma' ibnu u fl-ahhar zmien tal- konvivenza matrimonjali kien kostantement jheddidha li kien ser jitlaq lejn l-Italja u jiehu lit-tifel mieghu u eventwaiment huwa telaq minn Malta fl-ahhar ta' April 2010 xahrejn qabel ma' kien skadielu l-kuntratt ta' impjieg tieghu gewwa Malta u sallum ghadu jghix l-Italja. Kien ghal din ir-raguni illi l-attrici hasset il-htiega illi tipprezenta mandat ta' inibizzjoni numru (Nru. 207/10) fit-3 ta' Settembru 2010. Minn April 2010 sallum gie xi drabi hawn Malta ghal btala ta' madwar gimgha kull darba u ghalkemm dejjem wieghed li kien ser jbiddel l-atteggjament tieghu huwa baqa' l-istess ;

Illi l-attrici ghalhekk ma' kellhiex triq ohra ghajr illi tipprezenta 1-proceduri odjerni kontra l-konvenut u dan wara sforz kbir minn naha taghha sabiex tipprova tirrikoncilja ma' zewgha liema sforzi sfaw fix-xejn.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:

i) tiddikjara u tipprounzja d-divorzju personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

ii) tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

iii) tafda l-kura u kustodja tat-tifel minuri f'idejn l-attrici b' access ezercitat mill-konvenut f'dawk il-granet u hinijiet stabbiliti minn dina l-Onorabbli Qorti.

iv) tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici martu, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici u tat-tifel minuri, pagabbli mill-konvenut lill-

istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici, minnflok dak il-manteniment kollu jew parti minnhu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

v) tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

vi) tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

vi) tillikwida l-krediti parafernali ossija pekularji tal-attrici u tikkwalifika 1-istess bhala krediti tal-istess attrici kontra l-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti.

vii) tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni u tordna li l-istess oggetti mobbli u immobbli formanti il-kommunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit min dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra Iill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

viii) tordna illi d-dar taz-zwieg li hija proprjeta' parafernali tal-attrici tigi okkupata mill-attrici u rnit-tifel rninuri bl-eskluzzjoni tal-konvenut.

x) tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti,

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni u fil-mnandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut illi huwa rninn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi filwaqt illi l-eccipjenti jaqbel illi ghandha tigi dikjarata u pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-bqija ta' l-ewwel taIba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti peress illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet imputabbli biss lill-istess

rikorrenti C V de G u cioe minhabba abbandun, ingurji, sevizzi u minacci gravi, u anke adulterju illi rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli;

2. Illi konsegwentement, id-data li ghandha tigi stabbilita ai termini ta' 1-ewwel talba tar-rikorrenti, hija dik id-data meta r-rikorrenti ghandha tigi kkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda. ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu -d:8(c) tal-Kodici Civili;

3. Illi f'dan ir-rigward, l-eccipjenti jikkontesta dak kollu li gie allegat mir-rikorrenti fir-Rikors Guramentat taghha dwar ir-responsabbilita ghat-tkissir taz-zwieg, u dwar il-kawza tad-dizgwid bejn il-kontendenti, u ma huwiex minnu li d-dizgwid inqala' minhabba xi attitudni egoistika jew nuqqas ta' responsabbilita da parti tieghu. F'dan il-kuntest, l-eccipjenti jippreciza illi huwa dejjem mexa ta' ragel u missier tal-familja ezemplari u qatt ma naqas mill-appogg sew finanzjarju sewwa sew emozzjonali. Kienet ir-rikorrenti. li ma tafx tittollera l-ebda forma ta' kritika anke dik kostruttiva u intiza ghall-ahjar trobbija u fl-ahjar interess tal-minuri. li ma gharfitx tibni bazi soda ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet ghas-success taz-zwieg taghhom tant li waslet biex regghet lura minn kull flehim li kien sar bejn il-partijiet illi jittrasferixxu ruhhom permanentement gewwa l-Italja f'Settembru 2010 u minflok, baqghet Malta flimkien mal-minuri u pprocediet minghajr ebda avviz jew spjegazzjoni, b'dawn il-proceduri ghal separazzjoni personali.

4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti jaqbel illi mat-talba li l-partijiet ghandhom jigu awtorizzati jghixu separatament minn xulxin;

5. Illi t-tielet talba illi l-kura u kustodja tat-tifel rninuri tal-partijiet tigi fdata lir-rikorrenti b' access stabbilit a favur ta' l-eccipjenti, ghandha tigi michuda fl-intier taghha, in kwantu ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u l-kustodja tieghu tigi fdata lill-istess rikorrenti, izda jkun ferm iktar xieraq illi dina tigi fdata lill-istess eccipjenti jew li tkun konguntiva bejn il-partijiet, speqalment in vista tal-fatt illi r-rikorrenti tikkontrolla t-trobbija tal-minuri b'mod li lanqas huwa fl-ahjar interess tieghu, kif jista' jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-Rikors;

6. Illi konsegwentement, ir-raba' talba tar-rikorrenti ghall-hlas ta' retta alimentarja wkoll ghandha tigi michuda stante illi hija infondata u, b'mod specifiku, in kwantu ghall-hlas ta' retta alimentarja ghar-rikorrenti nnifisha, din it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha stante illi ma hemm l-ebda lok skond il-Ligi ghall-hlas ta' manteniment ghar-rikorrenti nnifisha, li ghadha zghira u hija ferm kapaci illi tahdem u taqla l-ghajxien taghha, kif del resto diga taghmel u dejjem ghamlet, u inoltre diga ghandha mezzi sufficjenti sabiex tmanti lilha nnifisha kif ukoll illi tikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifel minuri tal-partijiet;

7. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, ghar-rigward tat-talba ghall-hlas ta' retta alimentarja ghat-tifel minuri tal-partijiet, l-eccipjenti jiddikjara illi huwa dejjem ikkontribwixxa ghall-manteniment tal-familja u diga ilu diversi xhur ihallas skrupolozament u bl-accettazzjoni tar-rikorrenti, is-somma mensili ta' cirka mitejn Euro (€200) in linea ta' kontribuzzjoni ghall-manteniment tal-minuri, pju l-ispejjez mizati kollha ta' l-iskola privata li jattendi l-istess minuri fejn ir-rikorrenti insistiet li tkompli tibghatu minkejja l-mizati gholjin li jeccedu l-mezzi ta' l-esponenti. Ghalhekk, ghandu jirrizu1ta illi din il-kontribuzzjoni ta' 1-eccipjenti tallum fis-somma li jhallas illum (izda mhux jekk il-mizati ta' l-isko1a jkomplu joghlew) hija idonea tenut kont tac-cirkostanzi u mezzi tieghu kif ukoll tar-rikorrenti, u li inoltre, u ghalhekk, 1anqas hernm 1-ebda htiega jew gustifikazzjoni ghall-hlas ta' somma globali in linea ta' manteniment kif mitlub;

8. Illi l-hames talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti peress illi, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, 1-estremi tar-rekwiziti legali ghall-kommina tal-provvedimenti msemmija, ma jirrikorrux da parti ta' l-eccipjenti, izda biss da parti tar-rikorrenti u kwindi, l-istess provvedimenti ghandhom jigu kkomminati interament kontra r-rikorrenti;

9. Illi b'referenza ghas-sitt talba tar-rikorrenti, din ghandha tigi michuda stante illi l-eccipjenti ma ghandu l-ebda proprjeta parafernali jew dotali ta' l-istess rikorrenti fil-pussess tieghu, izda jiddikjara li ma jopponix ghat-talba li r-rikorrenti ghandha tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

10. Illi s-seba' talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda fl-intier taghha stante illi ma hemm l-ebda krediti parafernali x'jigu likwidati a favur ta' 1-istess rikorrenti kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti, anzi jigi eccepit illi huwa l-eccipjenti stess illi ghandu krediti parafernali kontra (i) 1-komunjoni ta' l-akkwisti kif ukoll (ii) kontra r-rikorrenti nnifisha li hija debitrici tieghu, kif del resto diga rikonoxxiet l-istess rikorrenti fiz-zewg kazijiet, liema krediti parafernali ghandhom jigu likwidati u assenjati lill-istess eccipjenti in virtu' tat-tmien talba tar-rikorrenti kif ukoll in virtu' tal-kontro talba pprezentata mill-eccipjenti kontestwalment;

11. Illi rigward it-tmien talba, ghalkemm in principju ma hemm l-ebda oggezzjoni ghall-akkoljiment taghha, jigi eccepit illikwalunkwe likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u l-konsegwenti divizjoni u assenjazzjoni tal-porzjonijiet rispettivi tal-partijiet, tiehu in kunsiderazzjoni u tillikwida l-krediti parafernali ta' l-eccipjenti kontra 1-komunjoni ta' l-akkwisti, kif ukoll il-krediti parafernali tieghu kontra r-rikorrenti nnifisha, u tordna l-hlas ta' dawn il-krediti parafernali;

12. Illi ma hemm l-ebda oggezzjoni ghall-akkoljiment tad-disa talba limitatament ghal dikjarazzjoni illi d-dar matrimonjali gewwa 'Peprina', Triq San Mikiel, Iklin, hija di proprjeta parafernali tar-rikorrenti, izda 1-bqija tat-talba hija opposta stante illi ma jezistu l-ebda ragunijiet ghaliex 1-eccipjenti ghandu jhalli d-dar matrimonjali.

13. Illi l-ghaxar talba ma hijiex opposta.

14. Illi finalment, u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit ukoll illi ma huwiex minnu dak allegat fit-tieni paragrafu tar-Rikors Guramentat, cioe illi r-rikorrenti giet awtorizzata li tipprezenta din 1-istanza, li abbazi tieghu qed tintalab is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, permezz tad-Digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Marzu 2011, stante illi fl-ittra li abbazi taghha nghatat l-imsemmi Digriet (Ittra umru 102/10) hija qatt ma talbet li tigi awtorizzata tipprocedi ghal separazzjoni personali izda riedet biss il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri u l-hlas ta' manteniment minghand l-esponenti minghajr is-separazzjoni u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba pprezentata mill-konvenut li permezz taghha ppremetta u talab is-segwenti:-

Dikjarazzjoni tal-Fatti

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal Lija fl-1 ta' Mejju 2003, skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg, u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed, Y Di F li twieled l-Italja;

Ir-Raguni tat-Talba

2. Illi 1-hajja matrimonjali bejn il-partijiet ma ghandhiex iktar possibbli u dan stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba inkompatibilita’ serja ta’ karattru kif ukoll minhabba tortijiet imputabbli unikament lil martu C V De G, konsistenti f'abbandun, eccessi, sevizzi, u ingurji gravi fil-konfront ta' l-esponenti, kif ukoll adulterju;

3. Illi effettivament, il-problemi matrimonjali kienu jezistu sa mill-bidu taz-zwieg u dizgwid bejn il-kontendenti huma naxxenti min-nuqqas ta' komunikazzjoni minhabba l-karattru introvert tar-rikorrenti li ma tqisx lill-esponenti bhala parti fiz-zwieg u ma taccetta jew tippermetti l-ebda diskussjoni, suggeriment jew kritika kostruttiva parti tal-istess esponenti, specjalment rigward it-trobbija ossessiva, soffokanti u irresponsabbli tal-minuri da parti taghha, u tqis dawn id-diskussjonijiet bhala insulti jew tghajjir li ma huwa xejn minnu;

4. Illi qabel kif ukoll wara c-celebrazzjoni taz-zwieg taghhom il-partijiet kienu ftehmu illi jirrisjedu u jistabbilixxu ruhhom gewwa l-Italja, Ruma;

5. Illi fil-fatt, il-partijiet ghamlu zmien jirrisjedu gewwa Ruma fejn sahansitra twieled it-tifel taghhom Y, u dan sa Gunju 2007 meta minhabba ezigenzi tax-xoghol ta' l-esponenti, il-partijiet gew lura Malta ghal pclijodu ta' tliet snin sakemm kellu jiskadi l-kuntratt ta' impjieg ta' l-istess esponenti;

6. Illi effettivamerrt, il-kontendenti kienu ftehmu illi wara l-vakanzi tas-Sajf f'Settembru 2010, ir-rikorrenti C V De G titla' l-Italja flimkien mal-minuri sabiex jistabbilixxu ruhhom permanentement gewwa 1-Italja, wara illi l-kuntratt ta' impjieg ta' l-esponenti mal-Missione Italia Di Assistenza Tecnico Militare Malta, kellu jiskadi f'Gunju 2010. B'danakollu minflok ma telghet l-Italja f'Settembru 2010 mal-minuri kif miftiehem, ir-rikorrenti, filwaqt illi f'Mejju 2010 ad insaputa ta' l-esponenti kienet diga' rregistrat lill-minuri Y Di F bhala cittadin Taljan li jghix l-esteru, regghet lura mill-ftehim u minghajr avviz ta' xejn, infurmat lill-esponenti li ma kinitx tiela' l-Italja u riedet tipprocedi ghas-separazzjoni, u dan wara illi kienet diga' pprezentat ukoll l-ittra ghall-medjazzjoni datata 3 ta' Settembru 2010, il-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 207/10. Barra minn hekk, meta l-partijiet marrru ghal vakanza gewwa Sardegna f'Lulju 2010 flimkien mal-minuri, ir-rikorrenti qatt ma avzat lill-esponenti illi kienet bidlet il-hsieb taghha dwar ir-residenza u dwar iz-zwieg taghhom;

7. Illi l-esponenti giet notifikat regolarment bil-proceduri ta' medjazzjoni mibdija permezz ta' l-ittra numru 102/10 datata 3 ta' Settembru 2010, fejn ir-rikorrenti C V De G talbet li tigi awtorizzata tipprocedi sabiex tinghata l-kura u kustodja tal-minuri b'access ghall-esponenti u sabiex l-esponenti jigi ordnat li jhallas manteniment ghall-minuri, u effettivament saru xi seduti fl-atti ta' din il-medjazzjoni;

8. Illi b'danakollu, in vista tal-fatt illi permezz tad-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Marzu 2011, gie dikjarat li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-procedura ta' medjazzjoni ma hijiex applikabbli ghal dan il-kaz, ma sar l-ebda tentattiv sabiex il-partijiet jaslu ghal ftehim bonarju dwar is-separazzjoni personali taghhom u dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk, l-esponenti gie kostrett illi jfittex ir-rimedju gudizzjarju permezz ta' din il-kontro talba tieghu, li qed issir inter alia sabiex il-komunjoni ta' 1-akkwisti tigi xjolta u likwidata tenut kont tal-krediti parafernali li ghandu l-esponenti kontra l-istess komunjoni ta' l-akkwisti kif ukoll kontra l-beni parafernali tar-rikorrenti martu.

9. Illi dawn il-fatti huma a konoxxenza diretta ta' l-esponenti.

It-Talbiet

Tghid ghalhekk ir-rikorrenti rikonvenuta C V De G ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex ghal-ragunijiet premessi: -

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lir-rikorrenti rikonvenuta C V De G u ghall-finijiet ta' 1-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili, tistabbilixxi d-data meta l-istess rikorrenti rikonvenuta ghandha tigi kunsidrata illi kienet hatja tal-firda;

2. Tawtorizza lill-intimat rikonvenjenti li jghix separatament minn ma' martu;

3. Tafda l-kura u kustodja tat-tifel minuri tal-partijiet fuq imsemmija, Y Di F, esklussivament lill-intimat rikonvenjenti jew konguntivament f' idejn il-kontendenti, salv kull provvediment xieraq ta' access li ghandu jigi ezercitat mill-partijiet f'dawk il-granet u hinijiet li jigu stabbiliti mill-Qorti;

4. Tillikwida u tiffissa jekk ikun il-kaz, retta alimentari xierqa pagabbli mir-rikorrenti rikonvenuta C V De G ghal iben minuri tal-partijiet, filwaqt illi tordna u tikkundanna, jekk ikun il-kaz, lill-istess martu thallas lir-rikorrenti dak l-ammont hekk likwidat u stabbilit in linea ta' manteniment, bl-ordnijiet relattivi ghaz-zieda annwali skont l-gholi tal-hajja;

5. Tapplika kontra r-rikorrenti rikonvenuta C V De G interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

6. Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenuta tikkonsenja lill-intimat rikonvenjenti l-beni kollha parafernali tieghu u tordna illi l-intimat jircievi l-amministrazzjoni pjena tal-beni kollha parafernali tieghu;

7. Tistabbilixxi u tiddetermina l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, b'mod partikulari dak l-attiv u l-passiv li jifforma parti mill-istess komunjoni, u tiddetermina u tillikwida, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, il-beni parafernali u l-krediti parafernali pekunjarji ta' l-intimat rikonvenjenti u tikkwalifika l-istess krediti bhala dovuti lill-istess intimat kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u kontra l-beni parafernali tar-rikorrenti rikonvenuta C V De G, u konsegwentement, tordna lill-istess rikorrenti thallas il-krediti hekk kif likwidati a favur ta' l-intimat rikonvenjenti;

8. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi u tenut kont tas-sitt u s-seba' talba, tiddividi l-assi kollha appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti, f'ishma illi mhux necessarjament ikunu ugwali, tenut kont ukoll inter alia tad-data ta' l-akkwisti tal-

beni mobbli u immobbli formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u d-data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta r-rikorrenti ghandha tigi kunsidrata li kienet hatja tal-firda, u tassenja sehem lil kull wiehed mill-partijiet;

9. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika 1-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci;

10. Tawtorizza lill-intimat jirregistra s-Sentenza ta' dina l-Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.

L-ispejjez kontra r-rikorrenti rikonvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-noti guramentati rispettivi tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha datat 9 ta’ Settembru 2011 (fol 67), li permezz tieghu, peress illi mill-atti kien jidher li l-konvenut jgħix barra minn Malta, laqghet provizorjament it-talbiet tal-attriċi u ordnat illi l-kura u kustodja ta’ iben il-kontendenti tigi fdata lilha filwaqt li l-istess tibqa’ tirrisjedi gewwa d-dar matrimonjali flimkien mal-minorenni, u ad eskluzjoni tal-konvenut, u rrizervat li tipprovdi ulterjorment jekk ikun il-kaz.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Dicembru 2011, li permezz tieghu innominat lil Dr Keith Borg bhala perit legali.

Rat id-digriet taghha datat 7 ta’ Marzu 2014 (fol 798), li permezz tieghu ordnat li pendente lite l-konvenut iħallas lill-attrici bhala manteniment għall-minuri Y Di F, s-somma ta’ EUR350 kull xahar b’effett mit-28 ta’ Mejju 2013, liema manteniment għandu jizdied kull sena fl-anniversarju tal-istess digriet skont l-indici tal-gholi tal-hajja u liema manteniment għandu jinkludi l-kontribut tal-konvenut għall-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minorenni; din l-Onorabbli Qorti ordnat ukoll illi l-konvenut ihallas il-mizati tal-iskola Chiswick House School fejn jattendi l-minorenni, oltre l-ispejjez relatati mal-programm ‘Alternative Learning Programme’. Ordnat ukoll illi pendente lite l-konvenut iħallas lill-attrici nofs l-ispejjez relatati mal-uniformijiet tal-iskola tal-minorenni, u nofs l-ispejjez relatati mas-sahha tal-minorenni inkluz dawk relatati mal-optician u dawk relatati ma’ xiri ta’ nuccalijiet tal-minorenni, u dan fi zmien għaxart ijiem minn meta jigu lilu mghoddija kopja tal-ircevuti relattivi.

Rat is-sentenza parzjali taghha tat-3 ta’ Frar 2016 illi permezz tagħha din il- Qorti laqgħet it-talbiet mressqa għall-konverzjoni tat-talba għal separazzjoni għal waħda ta’ divorzju.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Keith Borg, mahluf fl-20 ta' Gunju 2016 (fol 924).

Rat in-nota ta' kritika tal-attrici u n-nota responsiva tal-konvenut.

Rat il-provi u d-dokumenti kollha, inkluzi dawk ipprezentati quddiem il-Perit Legali.

Rat u kkunsidrat l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**:

**PROVI**

Fir-rapport tieghu l-abbli Perit Legali hejja rassenja dettaljata tal-provi li tressqu quddiemu kif hawn taht riprodotta:-

*"VERZJONI ATTRIĊI*

*22. L-attriċi ppreżentat affidavit maħluf quddiem l-esponenti fis-seduta peritali tat-23 ta' Ottubru 2013.*[1] *F'dan l-affidavitt tagħha l-attriċi tispjega kif iltaqgħet mal-konvenut u kif sussegwetement iżżewwġu sabiex hekk kif dan tal-aħħar spiċċa l-ewwel missjoni tiegħu ġewwa Malta, hija segwietu l-Italja. Hija tagħti stampa tal-karattru egoist tal-konvenut fl-ewwel xhur taż-żwieġ, li kien jippreferi jqatta' l-ħin liberu tiegħu ma' sħabu milli magħha. Mat-twelid tat-tifel, ħajjet il-kontendenti nbidlet; l-attriċi tispjega kif sfat għal kollox waħedha fit-trobbija ta' iben il-partijiet u kif mal-mogħdija taż-żmien il-konvenut beda jsir opressiv u offensiv lejha.*

*23. L-attriċi tispjega wkoll kif wara t-twelid tal-minorenni Y hija għamlet xi żmien ma taħdimx, mal-iskadenza ta' liema hija rritornat għax-xogħol tagħha mal-AriMalta fuq bażi ta' reduced hours. Wara xi żmien hi iżda bdiet tirealizza li dik li kienu qiegħdin jgħixu l-partijiet ma kenitx ħajja miżżewwġa: il-konvenut kien qiegħed l-Italja u hi Malta bit-tifel u għalhekk lejn it-tmiem tas-sena 2006 hija waqfet taħdem u rritornat l-Italja flimkien ma' iben il-partijiet sabiex hemmhekk jistabilixxu ħajja li aktar tqarreb lejn dik konsweta ta' koppja miżżewġa. Dan il-pass pero' jidher li ma kienx ta' ġid 'l għaliex ġewwa l-Italja, l-attriċi ssostni li sabet raġel li kien sar estremament nervuż u li kien iwaħħal u jiżvoga fiha għal kull oġġett li lilu kien idejjqu.*

[1] Fol. 717.

*24. F'Ġunju tas-sena 2007 il-konvenut reġa' applika b'suċċess għal missjoni ġewwa Malta biex b'hekk il-kontendenti reġgħu stabbilew darhom hawn Malta. F'Jannar tas-sena 2008 l-attriċi sabet impjieg, iżda dan kien, skont hi, sors ta' disgwid kontinwu bejnha u bejn il-konvenut li f'dan iż-żmien kien sar verbalment agressiv u f'okkażjoni partikolari sabbat lill-attriċi kontra ħjat. Wara sena l-attriċi ħasset li kien biss billi taqleb dan l-impjieg għal wieħed fuq bażi ta' reduced hours 'lli kien ser ikollha ċ-ċans issalva ż-żwieġ tagħha. Ir-relazzjoni bejn il-kontendenti iżda kompliet tiqras: il-konvenut beda' joħroġ waħdu mal-kollegi tiegħu u jara x'jagħmel biex iwaqqa' lill-attriċi meta l-koppja kienet tkun fil-preżenza ta' xi ħbieb. Hekk kif il-konvenut beda, anke minħabba problemi ta' ansjenta' li beda jaffaċċja f'xogħolu, iwitti t-triq sabiex jirritorna l-Italja flimkien ma' familtu, l-attriċi għamlitielu ċara li fl-isfond tal-problemi matrimonjali ma kenitx lesta tirritorna miegħu. F'April 2010 iżda, wara li kiteb lill-minorenni Y ġewwa skola f'Ruma mingħajr l-għarfien tal-attriċi, il-konvenut irritorna ġewwa l-Italja. Kien fl-isfond tat-theddid tal-konvenut li jieħu lill-minorenni Y l-Italja bis-saħħa tal-ġustizzja 'lli l-attriċi ppoċediet legalment ġewwa Malta.*

*25. L-attriċi tkompli billi tispjega kif il-konvenut dejjem żammha fid-dlam dwar l-attivita' finanzjarja tiegħu u qatt ma ried jiftaħ kont il-bank magħha, bis-salarju tiegħu dejjem jiġi depożitat ġewwa l-kont li kien iżomm in komun ma' ħuħ. Tgħid ukoll l-attriċi li kienet hi, li mill-finanzi tagħha kienet tieħu ħsieb numru ta' bżonnijiet tal-familja; tispjega kif il-konvenut kien sporadiku fil-kontribuzzjonijiet tiegħu lejn il-ħtiġijiet ta' kulljum.*

*26. L-attriċi tispjega kif l-immobbli 'Peprina', triq San Mikiel, l-Iklin ġie akkwistat minnha qabel iż-żwieġ*[2] *u kif l-għamara li tinsab fl-istess ġiet mixtrija minnha jew qabel iż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, minn flejjes derivanti mill-impjieg tagħha. L-attriċi tgħid ukoll li bl-intervent tal-konvenut tħallas il-bilanċ fuq is-self bankarju ottjenut għall-akkwist ta' din il-proprjeta' fl-ammont ta' LM21,000. Issostni wkoll illi l-immobbli ġewwa Via Massa d'Alba, 11, Magliano dei Marsi, Aquila jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Dwar din il-proprjeta' l-attriċi tispjega kif darba fost l-oħrajn, f'Jannar tas-sena 2009 hi, il-konvenut u ħuħ marru għand nutar pubbliku fl-Italja sabiex jiġi akkwistat dan l-immobbli. L-attriċi tispjega li l-konvenut kien talabha takkumpanjah 'l għaliex kellu bżonn il-firma tagħha; kien biss għand l-imsemmi nutar pero' li l-attriċi indunat li l-konvenut kien ser jakkwista dan l-immobbli waħdu ad esklużjoni tagħha u kellu bżonnha proprju sabiex hi tikkonferma din l-esklużjoni. Meta, dak il-ħin stess, l-attriċi kkonfrontat lill-konvenut u talbitu spjega ta' dak li kien qed jiġri, il-konvenut baqa' sieket u għalih wieġeb ħuħ. Dan tal-aħħar spjegalha li dan il-pass kien iservi sabiex imewwet il-kreditu li l-konvenut kellu fil-konfront tagħha u li kien inħoloq bil-ħlas tas-self bankarju fuq imsemmi. Sussegwentement, l-attriċi tgħid li l-konvenut wiegħda li mar-ritorn tagħhom f'Malta kienu ser imorru għand*

---

[2] Fol. 725

*nutar sabiex jiddikjara li hu ma kien qiegħed jippretendi xejn mill-ħlasijiet li kien għamel f'isimha. Jirriżulta minn Dok. 'B2'*[3] *illi dan l-immobbli ġie akkwistat versu l-prezz ta' EUR111,000 u illi "DI F X dichiara di esser coniugato con la signora V DE G C la quale interviene al presente atto al solo scopo di dichiarare, come dichiara, che l'acqisto degli immobili in oggetto, fatto dal proprio coniuge, e' escluso dalla comunione dei beni fra di loro esistente, in quanto effettuato con denaro ricavato dalla vendita dei beni personali."*[4]

*27. L-attriċi xehdet in kontro-eżami fis-seduta peritali tal-24 ta' Settembru 2014. Hawnhekk hija tikkonferma 'lli wara ż-żwieġ il-konvenut kien qatta' xi tlieta (3) jew erba' (4) xhur jaħdem mal-Missjoni qabel ma skadielu l-kuntratt. Tispjega kif wara dawn ix-xhur, huwa rritorna l-Italja sabiex hemm kompla bl-istess impjieg, u ċioe' dak ta' technical crew. L-attriċi tispjega li l-konvenut irritorna Malta f'Ġunju tal-2007. Il-kuntratt tal-konvenut kien wieħed ta' tlett (3) snin u, skont l-attriċi, huwa seta' talab estensjoni. L-attriċi pero' tiċħad li l-konvenut reħielha lura lejn l-Italja f'Mejju tas-sena 2010; hi tinsisti li l-konvenut telaq f'April tal-istess sena 2010, ġimgħa qabel l-anniversarju tal-kontendenti. L-attriċi tisħaq li l-konvenut ma għamilx talba għall-estensjoni tal-missjoni tiegħu ġewwa Malta; anzi sa minn qabel il-Milied tas-sena 2009 kien diġa' beda jitla' l-Italja biex jara kif ser jitlaq minn Malta. Minn dak li taf l-attriċi, il-konvenut f'dan iż-żmien kien imur jagħmel xi eżamijiet mediċi l-Italja sabiex jiġi grounded u b'hekk jieqaf itir. L-attriċi tiċħad li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li f'Ġunju tas-sena 2010, mal-iskadenza tal-kuntratt, huma kellhom imorru jgħixu l-Italja. Din il-possibilita' kienet eskludietha mill-ewwel peress li riditx titlef l-mpjieg tagħha mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar, u anke peress li l-partijiet kien diġa' beda jkollhom xi problemi fiż-żwieġ tagħhom. L-attriċi taqbel pero' li l-konvenut xtaq li l-familja tmur tgħix ġewwa l-Italja; ma taqbilx pero' li lilha xtaqha miegħu u mat-tifel. Pjuttost kienet tħoss li għall-konvenut, il-preżenza tagħha kienet waħda ta' bilfors sabiex ikun jista' jtella' t-tifel miegħu. Dan tistqarru 'l għaliex il-konvenut dejjem kien jheddidha li kien ser jehdilha lit-tifel. L-attriċi tikkonferma li f'Ġunju tas-sena 2007, il-ħsieb kien li l-familja tirritorna l-Italja. Proprju għalhekk iben il-partijeit ġie iskritt ġewwa Chiswick House School għal perijodu ta' tlett snin. Tispjega li l-partijiet ma kellhomx ħsieb li jirreġistraw lil iben il-partijiet ġewwa skola l-Italja u li saret taf li l-konvenut irreġistrah ġewwa skola l-Italja minn ħbieb tagħha li kellhom it-tfal li kienu ser jattendu fl-istess skola. L-attriċi tiċħad li kien biss f'Settembru tas-sena 2010 li lill-konvenut qaltlu li ma kienx ħsiebha tirritorna l-Italja; issostni li kienet ilha tgħidlu madwar sentejn. Meta l-konvenut telaq f'April tas-sena 2010, l-attriċi ssostni li ma kenitx taf x'kienet trid fir-rispett taż-żwieġ. Ma kenitx ċerta ż-żwieġ kienx intemm. Dak is-sajf, filfatt il-kontendenti siefru bħala familja ġewwa Sardegna.*[5] *L-attriċi tkompli li meta l-konvenut telaq fl-2010, hu ħallielha l-Cashlink card tiegħu; ma*

---

3 Fol. 738

4 Fol. 749

5 Ara Dok. 'RM1', 'RM2', u 'RM3' eżibiti fis-seduta peritali numru 17.

*tiftakarx pero' l-kont abbinat ma' din il-card kemm kien fih fondi; tispjega pero' li l-konvenut talabha din il-card lura f'Settembru tal-istess sena 2010 u li f'dan iż-żmien kien fadal il-flus fil-kont. L-attriċi tispjega inoltre li ma tafx il-LM21,000 li nefaq il-konvenut sabiex feda d-dejn fuq is-self banakarju tagħha meħud għall-akkwist tad-dar ġewwa l-Iklin kienux flus parafernali tiegħu. Aċċess għall-kontijiet tal-konvenut ma kellhiex u wara ż-żwieġ dan baqà juża l-istess kontijiet. Aċċess għall-kontijiet tagħha lanqas ma kellu l-konvenut, u qatt ma talabha. Tispjega li l-ewwel tlett snin taż-żwieġ ma ħadmitx ħlief bejn Ġunju u Otturbu tas-sena 2004. Ġewwa l-Italja ħadmet għal madwar xahrejn; wara xahrejn waqqfuha. Qabel dan, kienet sabet xogħol ieħor darbtejn fil-ġimgħa iżda wara xahar waqfet għax f'moħħha kellha li xogħol filgħaxija ma kienx kompatibbli ma' familja.*

*28. L-attriċi kompliet tixhed in kontro-eżami fis-seduta peritali tal-4 ta' Diċembru 2014. Hawnhekk l-attriċi ċaħdet li bejn is-sena 2007 sakemm il-konvenut telaq fl-2010 il-kontendenti ma raqdux fl-istess sodda; lanqas ma qablet li l-konvenut kien jorqod f'sodda separata fl-istess karma u hi kienet torqod fl-istess sodda mat-tifel. Tispjega kif fl-aħħar tlett snin qabel ma telaq il-konvenut, iben il-kontendenti għamel perjodu twil ta' madwar sena jorqod fil-cot tiegħu ġewwa l-kamra tas-sodda tal-kontendenti. Wara dan il-perjodu t-tifel għamel żmien iqum mis-sodda tiegħu u jaqbeż f'dik tal-partijiet. Wara perjodu jippruvaw idaħħluh lura fis-sodda tiegħu, il-kontendenti qatgħu qalbhom u bdew iħalluh jorqod bejniethom. Wara xi żmien pero' l-konvenut ried li jneħħu lit-tifel minn ġos-sodda. Dan il-kontendenti ma rnexxielhomx jagħmluh u l-konvenut għażel li jmur jorqod f'kamra oħra; it-tifel baqa' jorqod fis-sodda mal-atttriċi. L-attriċi tispjega li waqfet taħdem minn mal-AitMalta fis-sena 2006; mal-waqfien minn dan l-impjieg irċeviet xi LM9,000. Din is-somma ntefqet sabiex tiġi ndirizzata l-problema li l-attriċi kellha fi snienha u f'għamara, xogħolijiet u allestiment tad-dar ġewwa l-Iklin. Tikkonferma li l-konvenut ħareġ mhux iktar minn EUR2,000 minn spiża ta' madwar EUR3,000 li hija nefqet fuq snienha. Id-depożitu ta' LM9,317.24 magħmul fit-23 ta' Novembru tas-sena 2006 ġewwa l-kont tagħha, B.O.V., bin-numru 15109006013 l-attriċi tippresumi li jirreferi għall flejjes minnha riċevuti mill-AirMalta, kif spjegat. Is-somma ta' LM7,000 żbankata madwar tlett (3) ijiem wara tippresumi li ntefqu fuq il-ħwejjeġ minnha msemmija aktar kmieni f'din id-depożizzjoni tagħha. L-attriċi tispjega li dwar is-somma ta' LM21,000 msemmija minnha, kienet saret skrittura bejn il-kontendenti quddiem in-Nutar Lia fejn essenzjalment din l-iskrittura kienet tistipula li dawk kienu flus il-konvenut.[6] L-attriċi tkompli tispjega li l-kunċett fiż-żwieġ tal-kontendenti kien li dak li jaqla' l-konvenut kien tiegħu; il-kunċett tagħha, min naħa l-oħra kien li*

---

[6] Ara Dok. 'RM4' eżibiti fis-seduta peritali numru 17. L-esponenti jirrileva li f'din l-iskrittura (datata 14 ta' Jannar tas-sena 2005) l-attriċi ddikjarat ruħha vera, ċerta u likwida debitriċi tal-konvenut fis-somma ta' LM20,000, liema somma l-partijiet iddikjaraw, kienet ġiet imħallsa mill-konvenut mill-assi finanzjarji parafernali tiegħu sabiex jitħallsu djun parafernali li l-attriċi kellha mal-Bank of Valletta plc. Fis-seduta peritali numru 19 id-difensuri tal-partijiet qablu li ma kienx hemm ħtieġa li Dok. 'RM4' jiġi kkonfermat bil-ġurament tan-Nutar Lia.

*meta kienet f'impjieg salarjat, bil-flus li taqla' kienet tieħu ħsieb tagħha nnifisha u ta' iben il-partijiet, filwaqt li tixtri l-ikel u tieħu ħsieb il-bżonnijiet tad-dar. L-attriċi ma tiftakarx il-kontijiet tad-dawl u l-ilma kienux jitħallsu nofs b'nofs; lanqas ma tiftakar jekk il-kont tal-Melita Cable kienx iħallsu l-konvenut waħdu. Tiftakar pero' li meta l-partijiet kienu jirrisjedu l-Italja kien il-konvenut li kien jieħu ħsieb dawn il-bżonnijiet; f'dan iż-żmien, l-attriċi tispjega illi sabiex tixtri l-ħtiġijiet personali tagħha kienet tiddejjen fuq il-credit card.*

*29. L-attriċi kompliet tixhed in kontro-eżami fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2015. Hawnhekk hija ċċarat li f'Settembru tas-sena 2006 hija rriżenjajt mill-impjieg tagħha mal-AirMalta sabiex il-familja tkun tista' tistabilixxi ruħha l-Italja. F'dan iż-żmien il-konvenut kien jaħdem l-Italja. Tispjega li madwar xahrejn wara li twieled iben il-partijiet, u ċioe' f'Jannar tas-sena 2005, hija marret l-Italja bit-tifel sabiex il-familja tistabilixxi ruħha hemmhekk. Il-familja rritornat Malta f'Ġunju tas-sena 2007 meta l-konvenut reġa' ġie kkuntrattat biex jaħdem ġewwa Malta. L-attriċi bdiet taħdem mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar fil-21 ta' Jannar tas-sena 2008. Tispjega 'lli l-vettuta FIAT Punto Evo akkwistaha l-konvenut fiż-żwieġ u tinsab hawn Malta u tużaha hi; għalkemm għal dak li għandu x'jaqsam ma' assigurazzjoni u liċenzja jieħu ħsieb kollox il-konvenut ġewwa l-Italja, inkluż il-ħlas tal-istess. Il-vettura l-oħra tal-istess għamla ukoll tinsab Malta u jużaha l-konvenut. Tistqarr li ġewwa d-dar matrimonjali l-konvenut ħallas għall-kamra tal-banju en-suite iżda ma tiftakarx dan kienx qabel jew waqt iż-żwieġ anke 'l għaliex il-partijiet bdew jgħixu flimkien qabel ma żżewwġu. Tgħid ukoll li f'din id-dar waħħal tlieta jew erba' madumiet bejn il-kċina u l-kamra tal-pranzu; madum dan, li kien tħalla mis-sid preċedenti. In ri-eżami tispjega li l-vettura tal-għamla Nissan Qasqai ġiet akkwistata fiż-żwieġ, hija reġistrata l-Italja, tinsab l-Italja u jsuqha l-konvenut hemmhekk. Hemm ukoll mutur reġistrat l-Italja u li wkoll jinsab hemmhekk u jintuza hemmhekk mill-konvenut.*

*30. L-attriċi kompliet tixhed in kontro-eżami fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2015. Hawnhekk hija eżibiet Dok. 'IS1', Dok. 'IS2', Dok. 'IS3', u Dok. 'IS4', konsistenti f'kopja tal-FS3 tagħha għas-sena 2014 u l-payslips minn Jannar 2015 sa Marzu 2015. Minn dawn jirriżulta 'lli fis-sena 2014 l-attriċi pperċepiet f'salarju gross is-somma ta' EUR14,969. Għax xhur indikati s-salarju net tagħha kien ta' EUR1,058.88, EUR931.29, u EUR1,023.82. L-attriċi tikkonferma li f'Marzu tas-sena 2015 il-vettura FIAT Punto Evo ġiet reġistrata ġewwa Malta bi qbil mal-konvenut, u llum din għandha n-numru ta' reġistrazzjoni LCV-329; minn dakinhar, l-attriċi tispjega li l-partijiet qablu li l-ispejjeż ta' assigurazzjoni u liċenzja in konnessjoni ma' din il-vettura jkunu a karigu tagħha. L-attriċi ssostni wkoll illi l-konvenut ħallas EUR1,000 taxxa ta' reġistrazzjoni u hi ħallset madwar EUR400 – EUR500 sabiex sar it-trasferiment tal-imsemmija vettura. Fl-għeluq ta' din id-depożizzjoni tagħha l-attriċi taqbel li l-konvenut eżerċita aċċess għal iben il-partijiet tul il-vaganzi skolastici tal-Għid u tal-Milied, tul liema, għal madwar nofs il-ġranet il-konvenut jieħu lit-tifel Ruma. Fis-sajf tas-sena 2014 il-*

*konvenut ħa lil iben il-partijiet Ruma f'żewġ okkażjonijiet ta' gimgħatejn jew ftit aktar kull darba. Tul il-bqija tas-sena, il-konvenut jiġi Malta u jieħu lil-iben il-partijiet fil-vaganzi tal-Karnival. Inoltre, meta jiġi Malta, jieħu lit-tifel liberament.*

*VERZJONI KONVENUT*

*31. Il-konvenut ġie prodott in subizzjoni fis-seduta peritali tas-17 ta' Settmbru tas-sena 2012. Hawnhekk huwa spjega 'lli apparti l-vettura tal-għamla Nissan Qashqai huwa wkoll proprjetarju ta' vettura tal-għamla FIAT Punto Evo li għandha numru ta' reġistrazzjoni Taljan EJ563MA. Huwa spjega li din l-aħħar vettura hija misjuqa mill-attriċi f'Malta filwaqt li l-vettura Nissan Qasqai tinstaq minnu ġewwa l-Italja. Spjega wkoll illi l-FIAT Punto Evo ġiet akkwistata l-Italja f'Lulju tas-sena 2011, għall-prezz ta' bejn wieħed u ieħor EUR10,800 u nġabet Malta f'Settembru tas-sena 2011 sabiex tiġi użata mill-attriċi. Il-konvenut spjega kif huwa wkoll proprjetarju ta' scooter tad-ditta Suzuki li nxtara, second hand, f'Mejju tas-sena 2010 għall-prezz ta' EUR1,700 u jinsab l-Italja. Il-konvenut spjega wkoll li hemm FIAT Punto oħra, bin-numru ta' reġistrazzjoni TFI-876, li ġiet akkwistata l-Italja tul iż-żwieġ u sussegwentement reġistrata ġewwa Malta; spjega 'lli l-attriċi kienet tagħmel użu minn din il-vettura sa Settembru tas-sena 2011 u li llum tintuża minnu meta jiġi Malta. Il-konvenut eżibixxa Dok. 'PDLX1', liema dokument juri l-introjtu tiegħu (fis-somma ta' EUR33,857.98 gross) għas-sena finanzjarja 2011.*[7]

*32. Il-konvenut reġa' ġie prodott in subizzjoni fis-seduta peritali tas-26 ta' Novembru 2012 fejn eżibixxa Dok. 'KB1',*[8] *konsistenti f'dikjarazzjoni li huwa mpjegat mal-Aeronautica Militare; spjega 'lli kuntratt ta' mpjieg huwa ma għandux. Eżibixxa wkoll Dok. 'KB2'*[9] *konsistenti fil-payslips tiegħu minn April tas-sena 2012 sa Novembru tal-istess sena minn fejn tirriżulta medja ta' qliegħ net fix-xahar ta' EUR2,246.97. Payslips oħra xehed li ma għandux fil-pussess tiegħu. Huwa emfasizza 'lli huwa ntitolat li jaħdem overtime a pjaċiment tiegħu iżda tali xogħol overtime ma huwiex regolari. Il-konvenut spjega 'lli l-kundizzjonijiet tal-ingaġġ tiegħu ġewwa Malta huma speċifikati fil-Memorandum of Agreement bejn Malta u l-Italja, ftehim ġenerali dan li tiegħu il-konvenut ma għandux kopja. Il-konvenut spjega wkoll li ma huwiex konsapevoli ta' xi benefiċċji finanzjarji marbuta mat-terminazzjoni tal-ingaġġ tiegħu ġewwa Malta; jikkonferma pero' li l-ispejjeż għat-traslok tiegħu lura l-Italja ġew imħallsa. Jikkonferma li għal perijodu li ma setax jiftakar huwa u jiddeponi, huwa kien irċieva inkrement fis-salarju tiegħu. Il-konvenut eżibixxa wkoll Dok. 'KB3'*[10] *konsistenti fil-payslips tiegħu minn Ġunju tas-sena 2010 sa Ottubru tal-istess*

[7] Fol. 705
[8] Fol. 167 / 706
[9] Fol. 168 / 707
[10] Fol. 176 / 715

*sena; minn dawn ma jirriżultax l-inkrement imsemmi. Il-konvenut spjega 'lli huwa rritorna l-Italja f'April tas-sena 2010. Spjega wkoll illi l-Italja għandu kont bankarju wieħed, liema kont huwa wieħed miżmum konġuntement flimkien ma' ħuħ, li huwa miżżewweġ. Jagħlaq billi jgħid li s-salarju tiegħu jiġi depożitat direttament ġewwa dan il-kont u dan kien il-każ anke meta kien Malta.*

33. *Il-konvenut reġa' mbagħad ġie prodott in subizzjoni fis-seduta peritali tat-23 ta' Ottubru 2013. Hawnhekk huwa spjega 'lli d-dar matrimonjali ġewwa l-Iklin ġiet akkwistata mill-attriċi qabel iż-żwieġ. Huwa jiċċara 'lli ma kkontribwiex finanzjarjament għad-deposit li l-attriċi kienet għamlet għall-akkwist ta' dan l-immobbli u jippreżumi li l-ħlas rateali kontra s-self bankarju fiż-żmien qabel iż-żwieġ kienet tagħmlu l-attriċi. Jiftakar li meta ra dan l-immobbli għall-ewwel darba nnota li l-kamra tal-banju en-suite kellha ssir mill-ġdid, li l-art bejn il-kċina u l-living/dining room ma kellhiex madum, u li kien hemm diversi tbajja tal-umdita' fis-soqfa u l-ħitan tal-kamra tal-banju prinċipali. Il-konvenut jiftakar li kien beda jgħix f'dan l-immobbli flimkien mal-attriċi f'Novembru tas-sena 2002 u jżid jgħid li qabel iż-żwieġ kien ingaġġja lil xi ħadd sabiex jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet ġewwa l-kamra tal-banju en-suite, li prattikament huwa jgħid li akkwista mill-ġdid. Huwa jispjega li l-attriċi rrifjutat li terfa' din l-ispiża miegħu. Il-konvenut jispjega wkoll illi huwa bajjad it-travi tal-injam li kienu jinsabu fuq il-bejt ta' dan l-immobbli. Apparti dawn l-ispejjeż, fiż-żmien bejn Novembru tas-sena 2002 u Mejju tas-sena 2003 huwa qatt ma ħallas kera jew ħallas għal xi manutenzjoni ġewwa dan l-immobbli; dan apparti l-akkwist ta' television. Il-konvenut ikompli jispjega 'lli fiż-żmien eżattament wara ż-żwieġ l-attriċi kienet taħdem; jiftakar li kien iħalli flus kontanti ġewwa kartiera d-dar sabiex jiġu koperti l-ispejjeż tal-familja. L-ikel għall-familja kien jixtrih hu. Il-konvenut jispjega 'lli s-salarju tiegħu kien għola minn dak tal-attriċi, li kienet trekken is-salarju tagħha u żżommu għaliha. Il-konvenut ikompli jispjega li f'Awwissu 2003, il-missjoni tiegħu ġewwa Malta spiċċat u huwa rritorna permanentement l-Italja; jgħid illi minn dan iż-żmien ma kompliex jikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-ħajja surriferiti anke 'l għaliex hu u l-attriċi kienu ftiehmu li din tal-aħħar kellha tilħqu ġewwa l-Italja wara ftit żmien. Wara xi ftit xhur, l-attriċi filfatt waslet l-Italja u ftit wara anke sabet impjieg hemmhekk, minn liema mpjieg hija tkeċċiet wara ftit taż-żmien. F'dan iż-żmien il-konvenut jispjega 'lli l-attriċi kienet fuq unpaid leave mill-impjieg tagħha mal-AirMalta. Jiftakar ukoll li f'Awwissu tas-sena 2003 l-attriċi kienet laħqet ftehim mal-AirMalta sabiex tingħata posting ġewwa l-uffiċju li l-kumpannija kellha f'Ruma iżda hija ma ġietx aċċettata mill-individwu li kien imexxi dan l-uffiċju partikolari. Il-konvenut jispjega 'lli apparti l-premess, l-attriċi ma ħadmitx ġewwa l-Italja u li l-allura l-familja kienet tgħix fuq is-salarju tiegħu. Il-konvenut pero' ma jiftakarx kienx hu, li f'dan iż-żmien kien iwettaq il-ħlasijiet rateali kontra s-self bankarju meħud mill-attriċi għall-akkwist tal-immobbli ġewwa l-Iklin. Huwa pero' jiftakar li f'Diċembru tas-sena 2004 jew f'Jannar tas-sena 2005 huwa ħallas il-bilanċ li kien fadal fuq dan is-self ta' madwar EUR50,000. Jgħid: "Io ho pagato questo debito dai soldi che avevo*

*risparmiato nel period di lavoro a Malta." F'Jannar tas-sena 2009 il-konvenut akkwista immobbli ġewwa l-Italja għall-prezz ta' EUR111,000; il-prezz tħallas mill-flejjes miżmuma ġewwa l-kont konġunt li hu għandu flimkien ma' ħuħ Massimo Di F. Il-konvenut pero' jiċċara 'lli huwa kien trasferixxa somma flus ġewwa dan il-kont minn kont ieħor li huwa kellu (sa Diċembru tas-sena 2003) mal-bank Monte Dei Paschi Di Siena; dan il-kont ġie magħluq f'Jannar tas-sena 2004 u minfloku nfetaħ dak miżmum in komun bejn l-aħwa Di F mal-bank UniCredit Banca. Il-konvenut isostni 'lli qabel iż-żwieġ kien faddal is-somma ta' madwar EUR66,000 u li s-somma ta' EUR50,000 ċirka li ħallas kontra s-self bankarju tal-attriċi tħallsu wkoll minn dan l-aħħar kont.*

*34. Il-konvenut imbagħad xehed quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-24 ta' Ottubru 2013.*[11] *Hawnhekk il-konvenut reġa' spjega 'lli sa Diċembru tas-sena 2003 huwa kellu kont mal-bank Monte Dei Paschi Di Siena li mbagħad huwa għalaq sabiex f'Jannar 2004, bl-istess flus tal-kont imsemmi, fetaħ kont ġewwa l-bank UniCredit Banca. Dawn il-kontijiet minn dejjem kien miżmuma flimkien ma' ħuħ. Il-konvenut jispjega 'lli sal-aħħar ta' April 2003, u allura jiem qabel iż-żwieġ tal-kontendenti, l-attiv bankarju tiegħu u ta' ħuħ kien ta' EUR66,048.91, u dank if jidher minn Dok. 'PD1'.*[12] *Dok. 'PD2'*[13] *juri rendikont maħruġ mill-bank UniCredit Banca minn liema jirriżulta attiv li sat-8 ta' Ottubru 2013 kien dak fis-somma ta' EUR25,101.29. Dok. 'PD3'*[14] *juri li f'Settembru tas-sena 2013, huwa pperċepixxa s-somma ta' EUR1,466.22 f'salarju net; juri wkoll prospett ta' introjtu. Dok. 'PD4'*[15] *imbagħad juri introjtu gross tal-konvenut ta' EUR33,857.98 għas-sena fiskali 2011 u EUR34,837.37 għas-sena fiskali 2012. B'nota ppreżentat fit-18 ta' Novembru 2013, imbagħad il-konvenut eżibixxa Dok/i. 'PDL1' sa 'PDL11' konsistenti dawn f'evidenza tas-salarju tiegħu għax-xhur minn Jannar tas-sena 2013 sa Ottubru tal-istess sena flimkien ma spjega uffiċjali tal-varjazzjoni fl-istess salarju; permezz ta' din in-nota l-konvenut stqarr illi s-salarju net minnu perċepit għax-xahar ta' Ottubru 2013 (EUR1,872.37) ma kien ser jiġi assoġġettat għal ebda tibdil, mqar sa Dicembru tas-sena 2014.*

*35. Fis-seduta peritali tal-25 ta' Mejju 2015, il-konvenut preżenta l-affidavit tiegħu. Hawnhekk jispjega kif l-intiża tal-partijiet kienet minn dejjem li huma jistabilixxu ruħhom ġewwa l-italja u mhux ġewwa Malta. Il-konvenut jispjega kif qabel ma l-partijiet żżewwġu, huma bdew jabitaw flimkien fil-proprjeta' tal-attrċi ġewwa l-Iklin. Din il-proprjeta' skont il-konvenut, kienet teħtieġ numru ta' xogħolijiet li l-konvenut ikkontribwixxa għalihom finanzjarjament. Inoltre, ftit wara ż-żwieġ, il-konvenut issalda f'isem l-attriċi l-bilanċ li din kellha fuq is-self bankarju għall-akkwist tad-dar in kwistjoni; dan fis-somma ta' EUR50,000. Il-*

11 Fol. 194
12 Fol. 227
13 Fol. 232
14 Fol. 225
15 Fol. 238

*konvenut isostni li dawn il-flejjes kienu ġejjin mill-introjtu (salarju) tiegħu qabel iż-żwieġ. Il-konvenut isostni li l-attriċi aċċettat din il-provenjenza.*

*36. Il-konvenut jispjega wkoll illi l-kuntratt tiegħu mal-Missione Militare Italiana ġie fi tmiemu f'Awwissu tas-sena 2003, wara 'lli kien skada l-perijodu oriġinali ta' teltt (3) snin. Jispjega inoltre li s-salarju tiegħu minn dan l-impjieg dejjem kien jiġi depożitat ġewwa kont bankarju intestat f'ismu u f'isem ħuħ li l-ewwel kienu jiddetjenu ġewwa l-bank Monte dei Paschi di Siena u li mbagħad trasferew għal kont ġewwa l-bank UniCredit Banca.*

*37. Il-konvenut ikompli jispjega li hekk kif twieled iben il-partijiet fl-2004, il-familja telgħet tgħix ġewwa Ruma, senjatament ġewwa appartament proprjeta' ta' missier il-konvenut, għall-użu ta' liema l-istess konvenut kien iħallas, u għadu jħallas, is-somma ta' EUR300 fix-xahar. Skont il-konvenut, l-attriċi ma riedetx tikkontribwixxi għall-ispejjez konnessi ma' dan l-appartament u minkejja li hu akkwistalha vettura għall prezz ta' madar EUR5,000, u kien iħallas għall-biċċa l-kbira tal-bżonnijiet tagħha hija ppretendiet li: (a) il-konvenut jitrasferixxi fuq isimha wkoll il-kont bankarju miżmum konġuntement ma' ħuħ; (b) missier il-konvenut jitrasferixxi t-titolu tal-appartament imsemmi f'isem il-kontednenti; u (ċ) il-konvenut jixtri dar akbar f'isem il-kontendenti b'self bankarju tratt biss f'isem il-konvenut.*

*38. Skont il-konvenut, hekk kif il-partijiet marru jgħixu l-Italja l-attriċi bdiet taġixxi b'mod anormali; akkużatu wkoll li meta kienu jgħixu Malta hu kien jgħix ħajja ta' raġel single. Il-konvenut jiffoka mbagħad fuq in-numru ta' diverbji bejn il-partijiet fir-rispett ta' binhom Y. Filwaqt li jsostni li ċertament, iż-żewġ partijiet riedu l-aħjar għal binhom, il-metodu u l-istil tat-trobbija addotat mill-attriċi kien riġidu għall-aħħar, ostinat u mhux miftuħ għal pariri, imqar tal-konvenut inniffsu.*

*39. Il-konvenut ikompli jispjega kif fis-sena 2007 huwa reġa' ġie kkuntrattat sabiex jaħdem ġewwa Malta, bil-familja tirritorna lura mill-Italja, bl-intiża li fi tmiem il-kuntratt tal-konvenut (anke din id-darba wieħed ta' tlett (3) snin) huma jerġgħu jirritornaw ġewwa l-Italja. Kien f'dan iż-żmien li l-kontendenti qablu li jirreġistraw lil binhom ġewwa Chiswick House School; l-intendiment kien li l-minorenni jattendi din l-iskola għall-perijodu li għalih kien ġie kuntratt ġewwa Malta l-konvenut anke 'l għaliex kien biss tramite s-salarju tiegħu hawn Malta li l-konvenut seta' jlaħħaq mal-miżati ta' din l-iskola. Il-konvenut iżda jilmenta li anke hawnhekk, l-attriċi biddlet il-binarju tal-ftehim tagħhom u waħedha ddeċidiet li tibdel is-suġġetti li għall-istudju tagħhom kien reġistrat il-minorenni Y.*

*40. Ġara 'lli l-konvenut beda jesperjenza xi diffikulatjiet fit-titjir u l-kuntratt tiegħu ġie terminat xahrejn qabel tmiemu (ċioe' f'April 2010); kien hawnhekk li l-konvenut reġa rraporta għax-xogħol ġewwa l-Italja. Skont hu, il-ftehim ma' martu*

*kien li hi u binhom jingħaqdu miegħu ftit xhur wara, ċioe' f'Settembru 2010. Filfatt, il-konvenut isostni li bi ftehim mal-attriċi saħansitra rreġistra lill-minorenni ġewwa skola f'Ruma. Minn dan pero' ma seħħ xejn 'l għaliex l-attriċi rrifjutat li tirritorna l-Italja kif miftiehem – l-attriċi ma riedetx titbiegħed mill-ħajja li l-familja kienet drat ġewwa Malta; hi kellha impjieg stabbli u t-tifel kien dara l-ambjent skolastiku. Il-konvenut jispjega kif ħassu abbandunat minn martu u kif din, minn wara daru, rreġistrat lill-minorenni mal-Associazone Italiana Residenti all'Estero biss ftit jiem wara li hu kien irritorna l-Italja (senjatament fl-10 ta' Mejju 2010 - Dok. 'AA1' mehmuż ma' dan l-affidavit tal-konvenut). Il-konvenut isostni li martu lgħabitu meta ħallietu jistenna sa Settembru tas-sena 2010 sabiex tgħidlu li ma rieditx tirritorna l-Italja; filfatt l-attriċi pproċediet b'mandat ta' inibizzjoni sabiex iben il-kontendneti ma jinħariġx minn Malta. Dan l-aġir tal-attriċi, l-konvenut jiddeskrivih bħala "tal-misthija", aġir li xekkel ir-relazzjoni tiegħu ma' ibnu u dik bejn il-minorenni u l-familjari tal-konvenut.*

*41. Il-konvenut ikompli jispjega li f'Ottubru tas-sena 2010 l-attriċi inizjat proċeduri ta' medjazzjoni mingħajr ma lilu avżatu; sessjonijiet ta' counselling ma rnexxewx għax l-attriċi ma rieditx taf li tirritorna ġewwa l-Italja kif preċedentement miftiehem. F'dan iż-żmien spikkat ir-riġidita' tal-attriċi li skont il-konvenut irrifjutat li tilħaq kompromess fuq kull ħaġa li għaliha ma kenitx komuni fir-rutina tal-ħajja Maltija.*

*42. Jissemmew f'dan l-affidavit tal-konvenut numru ta' ċirkostanzi li skont hu ddistrubaw il-ħajja matrimonjali: eżempju ta' dan huwa meta l-konvenut kellu inċident fuq ix-xogħol u minflok assistietu, l-attriċi rritornat Malta b'binhom. Eżempju ieħor hija l-insistenza tal-konvenuta li l-minorenni jorqod fl-istess sodda magħha/magħhom u l-insistenza tagħha f'li ma tvarjax id-dieta tal-minorenni. Il-konvenut isemmi wkoll inċident fejn l-attriċi offendietu u hu mbuttaha.*

*43. Dok. 'AA4' mehmuż ma' dan l-affidavit tal-konvenut juri ħlas ta' EUR9,600 li l-konvenut isostni li ħallas hu għall-kura li l-attriċi kienet teħtieġ fi snienha. Il-konvenut jagħlaq dan l-affidavit tiegħu billi jiddeskrivi lil martu bħala persuna materjalistika li tagħti ħafna mportanza għal dak li jaħsbu dwarha n-nies. Jiddeskriviha wkoll bħala persuna li ma tafx tamministra l-finanzi u dwar dan jgħid ukoll illi mis-somma ta' LM9,000 li l-attriċi ħadet meta tterminat l-impjieg tagħha mal-AirMalta, il-familja ma gawdiet xejn 'l għaliex l-attriċi użat din is-somma flus esklussivament kif derilha hi.*

*44. Il-konvenut xehed in kontro-eżami fis-seduta miżmuma mill-esponenti fis-17 ta' Lulju 2015; hawnhekk huwa jiċħad li l-kamra tal-banju en-suite ġewwa d-dar tal-Iklin saret proprju sabiex takkomoda żjara ta' xi familjari tiegħu ġewwa Malta. Isostni li riċevuti dwar in-nefqa msemmija minnu ta' EUR1,500 sabiex saret din il-kamra tal-banju huwa ma żammx. Il-konvenut jikkonferma li meta ssalda f'isem martu l-bilanċ li din kellha fuq is-self bankarju għall-akkwist tad-*

*dar ġewwa l-iklin, dan għamlu b'versament ta' LM20,000. Jispjega ulterjorment illi s-salarju tiegħu biss kien jiġi depożitat ġewwa l-kont li huwa kien jiddetjeni ma' ħuħ. Is-salarju ta' ħuħ ma kienx jiġi depożitat f'dan il-kont; daqstantieħor ħuħ ma kien jagħmel ebda versament f'dan il-kont.*

45. *Il-konvenut jispjega wkoll li jħallas is-somma ta' EUR300 fix-xahar f'kera lil missieru għall-użu tal-appartament ġewwa Ruma; iħallas ukoll madwar EUR150 fix-xahar bħal kontribuzzjoni għaż-żamma tal-komun. Jispjega li l-kera jħallasha fuq insistenza ta' missieru u għax warakollox huwa għandu żewġt aħwa oħra u missieru ma jistax jiffavorih a skapitu ta' ħutu. Il-konvenut jikkonferma 'lli apparti l-flejjes miżmuma minnu skont Dok. 'PD1' u Dok. 'PD2' huwa ma jiddetjeni ebda flejjes oħra kontijiet bankarji oħra jew investimenti ġewwa l-Italja. Konfrontat b'Dok. 'KB1', li huwa essenzjalment rendikont ta' numru ta' investiment miżmuma ġewwa l-Italja ix-xhud jispjega 'lli d-dokument jirrisali għal seba' (7) snin qabel din id-depożizzjoni tiegħu u jistqarr li jrid jagħmel il-verifiki meġtieġa dwar x'sar minn tali investimenti. Dan apparti l-fatt li huwa jirrimarka li wieħed irid jivverifika dawn l-investimenti meta ġew filfatt akkwistati u b'liema flejjes.*

46. *Jistqarr ukoll li f'Jannar tas-sena 2009 huwa akkwista immobbli ġewwa Via Massa D'Alba, Aquila għall-prezz ta' madwar EUR111,000, mingħajr il-ħtieġa ta' self bankarju. Din il-proprjeta' tikkonsisti f'dar ta' żewġ sulari u tinkludi garaxx. Inoltre, ġiet akkwistata fi stat li kienet teħtieġ xogħolojiet ta' ristrutturar. Mitlub jispjega b'liema flus ħallas għal dan l-akkwist, il-konvenut jgħid li x'aktarx għamel xi ħlasijiet akkont (mill-kont li jiddetjeni flimkien ma' ħuħ) qabel Diċembru 2008. Jispjega wkoll li s-salarju tiegħu ma setax akkumula tali somma u dan allura jfisser għalih li bilfors kellu xi flejjes imġemmgħin qabel iż-żwieġ. Il-konvenut jikkonferma wkoll il-kontenut ta' Dok. 'KB2' li huwa estratt minn kont kurrenti miżmum mal-UniCredit Banca li juri bilanċ favur il-konvenut, fit-30 ta' Ġunju 2008, ta' EUR136,343.88*

47. *Il-konvenut isostni li fiż-żmien li huwa ħadem ġewwa Malta ġemma s-somma ta' EUR42,953.30; isostni wkoll illi l-kont bankarju miżmuma ġewwa l-UniCredit Banca jikkontjeni flejjes li huwa kellu kemm qabel ma żżewweġ u kif ukoll dawk li huwa qala' fiż-żwieġ. Huwa jispjega li dejjem irrifjuta li jagħti titolu lil martu fuq dan il-kont 'l għaliex hi dejjem irrifjutat li tagħtih titolu fuq il-kontijiet bankarji tagħha.*

48. *Il-konvenut jiċħad li huwa qatt qal lil martu li l-appartament ġewwa Ruma huwa filfatt tiegħu u mhux ta' missieru; huwa pero' jammetti li l-ispejjeż ta' ristrutturar ta' dan l-appartament ħallashom hu hekk kif ukoll ħallas għall-għamara. Jikkonferma pero' li martu riedet li dan l-appartament jiġi trasferit f'isem il-konvenut u f'isimha. Jikkonferma wkoll li martu xtaqet takkwista*

*proprjeta' akbar ġewwa Ruma, u li pero' minkejja li riedet li din tiġi ntestatat wkoll f'isimha, ma riditx toħroġ flus.*

*49. Il-konvenut xehed in kontro-eżami fis-seduta miżmuma mill-esponenti fit-30 ta' Ottubru 2015; hawnhekk il-konvenut ikompli jispjega 'lli l-proprjeta' ġewwa Via Massa D'Alba hija casa popolare, u li allura qabel ma ġiet akkwistata kienet proprjeta' tal-Comune użata għal skopijiet ta' akkomodazzjoni soċjali. F'din id-dar, il-konvenut bidel is-sistemi tad-dawl u tal-ilma, bajjadha, bidel il-kamra tal-banju, l-kċina, l-kamra tas-sodda u l-living room b'dawn l-aħħar tlett ikmamar ikunu rigal da parti ta' missieru. Il-konvenut jispjega inoltre illi huwa juża kemm l-appartament u kif ukol din id-dar; tal-ewwel tul il-ġimgħa u d-dar fi tmiem il-ġimgħa.*

*50. Jispjega wkoll il-konvenut li bejn is-sena 2004 u s-sena 2010 il-problemi fiż-żwieġ tal-kontendenti kienu 'normali'. Isostni li mhux kull litiġju għandu jwassal għas-separazzjoni u jiffoka fuq ir-riġidita' tal-attriċi li skont hu dejjem irrifjutat kull għajnuna fit-trobbija ta' binhom.*

*51. Jikkonferma wkoll li mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar, l-attriċi kienet taħdem fuq sistema ta' reduced hours. Il-konvenut isostni li martu ma riditx mqar tipprova tibqa' taħdem mal-AirMalta; jisħaq li setgħu ippruvaw jgħixu l-Italja bl-attriċi żżomm dan l-impjieg tagħha, iżda li l-attriċi ma riditx. Jisħaq li ż-żmien ta' prova li għamlu f'din is-sistema ta' ħajja bejn is-sena 2004 u s-sena 2006 ma kenitx biżżejjed.*

*52. Il-konvenut jaqbel li kien hu li applika għall-iskola tal-minorenni Y ġewwa l-Italja; jisħaq ukoll pero' li dan għamlu bi ftehim mal-attriċi. Jispjega li bejn is-sena 2010 u s-sena 2013 l-attriċi rrifjutat li tibgħat jew tieħu lill-minorenni l-Italja; għalhekk hu kellu dejjem jinżel Malta sabiex jara lil ibnu. Kien biss f'dawn l-aħħar snin li l-attriċi bdiet tikkopera miegħu.*

*53. Fl-għeluq il-konvenut isostni li huwa ġie tradut mill-attriċi meta din, f'Settembru 2010 infurmatu li ma kellha ebda intenzjoni tirritorna miegħu ġewwa l-italja.*

*PROVI OĦRA*

*54. Fis-seduta miżmuma mill-esponenti fl-14 ta' Marzu 2012 xehdet* **Christina Farrugia** *in rapprezentanza tal-Banif Bank (Malta) p.l.c.,* **David Galea** *in rappreżentanza tal-APS Bank Ltd., u* **Jeanette Lepre** *in rappreżentanza ta' Lombard Bank Malta p.l.c. Mir-riċerka li għamlu x-xhieda fuq iż-żewġ partijiet, mil-2003 sad-data tad-depożizzjoni tagħhom, ma rriżultatilhom ebda nformazzjoni. F'din is-seduta xehdet ukoll* **Stephanie Critien** *in rappreżentanza tal-Malta Stock Exchange; ir-riċerka mwettqa minn din ix-xhud kienet*

*inkonklussiva peress li ma ġewx indikati lilha n-numri tal-karti tal-identita' tal-kontendenti. Fis-seduta tal-25 ta' April 2012, in rappreżentanza tal-Malta Stock Exchange xehed* **Robert Sammut**: *mir-riċerka mwettqa mix-xhud fuq il-partijiet ma rriżultat ebda nformazzjoni.*[16]

55. *Fl-istess seduta peritali, u ċioe' dik tal-14 ta' Marzu 2012 l-attriċi ressqet l-affidavit ta'* **Vannessa Bonnici**[17] *fejn in suċċint din tispjega 'lli kienet ilha taf lill-attriċi għall-aħħar ħames snin. Tispjega 'lli fis-27 ta' Novembru 2016, waqt li kienet qiegħda tieħu kafe' mal-attriċi u ma' xi nies oħra, il-konvenut avviċina l-mejda tagħhom u beda jgħajjat mal-attriċi u jgħidilha li hi ma kenitx omm tajba peress li ma kenitx qiegħda tieħu ħsieb lil binhom. Ix-xhud spjegat kif kemm it-tifel tal-kontendenti u kif ukoll bintha kienu dak il-ħin qiegħdin jattendu party tat-tfal. Tkompli li l-konvenut waddab biċċa cake fuq din il-mejda u akkuża lill-attriċi li l-problemi fl-eating habits ta' binhom kienu tort tagħha 'l għaliex ma kenitx qed tagħti kasu. Ix-xhud tistqarr li l-attriċi kienent ilha tipprova ssib kaptu ta' din il-problema anke 'l għaliex kienent fetħet qalbha magħha. Ix-xhud tispjega li ma kienx minnu li l-attriċi ma kenitx qed tagħti kas ta' binha. Ix-xhud tiddeskrivi lill-attriċi bħala "a great mother" li dejjem tpoġġi l-interessi ta' binha qabel tagħha, tant illi ġieli anke fdatilha lit-tifla tagħha.*

56. *L-attriċi ressqet ukoll affidavit ta'* **Carmela sive Charmaine Chetcuti**;[18] *in suċċint ix-xhud tispjega kif hija ilha taf lill-attriċi sa mill-2007 peress illi t-tfal tagħhom jattendu l-istess skola. Tispjega wkoll kif kull darba li l-familji rispettivi tagħha u tal-attriċi kienu jiltaqgħu, u kien ikun hemm il-konvenut, kien jinqala' xi inċident spjaċevoli li kien dejjem jispiċċa fil-konvenut jillitika mal-attriċi. Dwar il-konvenut, din ix-xhud tgħid illi "(...) kien donnu jieħu pjaċir jara lil C mdejjqa. Kien kostantament jweggaha bi kliem, jikkritikaha u jghidilha illi mhijiex qeghda trabbi lil binhom b'mod tajjeb." Ix-xhud issostni li l-minorenni Y għandu relazzjoni tajba ma' ommu iżda li meta tarah ma' missieru, it-tifel donnu jinbidel fi sforz sabiex jogħġob lil dan tal-aħħar.*

57. *L-attriċi ressqet ukoll affidavit ta'* **Amanda Spiteri Mizzi**;[19] *in suċċint ix-xhud tispjega kif hija ilha taf lill-attriċi sa mill-2007. Tispjega wkoll kif kull darba li l-familji rispettivi tagħha u tal-attriċi kienu jiltaqgħu, u kien ikun hemm il-konvenut, kienet tfeġġ it-tensjoni. Dwar il-konvenut, din ix-xhud tgħid illi "Kont ninnota illi X kull meta kien johrog maghna kien dejjem jikkoregi lil C anke fuq affarijiet frivoli bhallikieku kienet xi tifla zghira li ma' tafx x'inhi taghmel – specjalment fejn jirrigwarda lit-tifel taghhom Y." Ix-xhud issostni li l-konvenut, minkejja li kien soċjalment pjaċevoli, kien donnu mqabbad ma' martu. Issostni*

---

16 Fol. 691
17 Ara wkoll Fol. 113
18 Fol. 117
19 Fol. 118

*wkoll li rat bidla għall aħjar fil-minorenni kemm ilu li missieru telaq minn Malta; dan illum huwa aktar kalm. Lill-attriċi tiddeskriviha bħala omm "ezemplari".*

*58. **Romuald Attard**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc, ukoll xehed fis-seduta peritali tal-14 ta' Marzu 2012. Mir-riċerka mwettqa fuq il-konvenut, ix-xhud ma rriżultatlu ebda nformazzjoni. Mir-riċerka mwettqa fuq l-attriċi rriżultaw is-segwenti:*

*a. Dok. 'RA1', kont savings bin-numru 15109006013, li nfetah fit-3 ta' Jannar 1995 u sad-data tad-depożizzjoni tax-xhud kien għadu attiv b'bilanċ ta' EUR36.30.*

*b. Dok. 'RA2', kont kurrenti bin-numru 15109006042, li nfetah fid-9 ta' Frar 1988 u sad-data tad-depożizzjoni tax-xhud kien għadu attiv b'bilanċ ta' EUR16.80.*

*ċ. Dok. 'RA3', kont house loan bin-numru 40010399538, li nfetah fl-24 ta' Frar 2001 u ngħalaq a saldu fis-6 ta' Jannar 2005.*

*d. Dok. 'RA4', kont house loan bin-numru 40010399538, li nfetah fl-24 ta' Frar 2001 u ngħalaq a saldu fis-6 ta' Jannar 2005.*

*e. Dok. 'RA5', kont term deposit bin-numru 40015663450, li nfetah fis-27 ta' Novembru 2006 u ngħalaq fis-26 ta' Novembru 2009 bi żbank ta' EUR7,241.26.*

*f. Dok. 'RA6', kont term deposit bin-numru 40016715860, li nfetah fis-27 ta' Novembru 2007 u ngħalaq fis-26 ta' Awwissu 2009 bi żbank ta' EUR5,171.91.*

*ġ. Dok. 'RA7', kont master card bin-numru 5420711023140000, li dwaru x-xhud ma setax iforni nformazzjoni ta' meta nfetaħ u li pero' sad-data tad-depożizzjoni tax-xhud kien għadu attiv b'bilanċ favur il-bank ta' EUR607.61.*

*Ix-xhud Romuald Attard reġa' xehed fis-seduta peritali tal-21 ta' Mejju 2012 fejn eżibixxa:*

*a. Dok. 'RA8', rendikont relattiv għall-kont bin-numru 15109006013 (Dok. 'RA1').*

*b. Dok. 'RA9', rendikont relattiv għall-kont bin-numru 15109006026, kont fixed li ngħalaq fid-9 ta' Novembru 2001 bi żbank ta' LM598.13.*

*ċ. Dok. 'RA10', rendikont relattiv għall-kont bin-numru 15109006055, kont fixed li ngħalaq fl-14 ta' Frar 2001 bi żbank ta' LM11,142.57.*

*59.	**Audrey Ghigo**, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc, ukoll xehed fis-seduta miżmuma mill-esponenti fl-14 ta' Marzu 2012. Mir-riċerka mwettqa fuq l-attriċi rriżultawlha s-segwenti:*

*a.	Dok. 'AG1', kont savings bin-numru 011146537050, li nfetah fit-23 ta' Diċembru 2010 u sad-data tar-riċerka mwettqa mix-xhud, u ċioe' sat-13 ta' Marzu 2012 kien għadu attiv b'bilanċ ta' EUR1,071.38.*

*b.	Dok. 'AG2', kont kurrenti bin-numru 042160549001, li nfetah fl-24 ta' Jannar 2008 u sad-data tar-riċerka mwettqa mix-xhud, u ċioe' sat-13 ta' Marzu 2012 kien għadu attiv b'bilanċ ta' EUR9.25.*

*ċ.	Dok. 'AG3', kont savings bin-numru 087121901050, li nfetah fl-24 ta' Jannar 2008 u sad-data tar-riċerka mwettqa mix-xhud, u ċioe' sat-13 ta' Marzu 2012 kien għadu attiv b'bilanċ ta' EUR0.98.*

*d.	credit card li dwarha x-xhud ma laħqitx ikkompilat l-informazzjoni mitluba.*

*Mir-riċerka mwettqa fuq il-konvenut ix-xhud irriżultawlha s-segwenti:*

*a.	Dok. 'AG4', kont savings USD bin-numru 26044586450, li nfetah fl-4 ta' Ottubru 2002 u sad-data tar-riċerka mwettqa mix-xhud, u ċioe' sat-13 ta' Marzu 2012 kien għadu attiv b'bilanċ ta' USD43,823.14.*

*b.	Dok. 'AG5', kont savings bin-numru 26044586452, li nfetah fl-4 ta' Ottubru 2002 u sad-data tar-riċerka mwettqa mix-xhud, u ċioe' sat-13 ta' Marzu 2012 kien għadu attiv b'bilanċ ta' EUR3,501.07.*

*ċ.	Dok. 'AG6', kont kurrenti bin-numru 050081272001, li nfetah fis-27 ta' Ġunju 2007 u sad-data tar-riċerka mwettqa mix-xhud, u ċioe' sat-13 ta' Marzu 2012 kien għadu attiv b'bilanċ ta' EUR281.51.*

*d.	Dok. 'AG7', kont term deposit USD bin-numru 050081272500, li nfetah fis-27 ta' Ġunju 2007 u ngħalaq fit-30 ta' Diċembru 2008 bi żbank ta' USD43,835.89 kreditat ġewwa l-kont bin-numru 026044586451.*

*e.	Dok. 'AG8', kont term deposit bin-numru 050081272100, li nfetah fis-17 ta' Settembru 2008 u ngħalaq fis-17 ta' Diċembru 2008 bi żbank ta' EUR45,466.38 kreditat ġewwa l-kont bin-numru 026044586452.*

*f.	Dok. 'AG9', kont savings bin-numru 026044586050, li nfetah fl-4 ta' Ottubru 2002 u ngħalaq fil-21 ta' Awwissu 2006 bi żbank ta' EUR93.76.*

*ġ. credit card li dwarha x-xhud ma laħqitx ikkompilat l-informazzjoni mitluba.*

*Ix-xhud Audrey Ghigo reġgħet xehdet fis-seduta peritali tal-25 ta' April 2012 fejn preżentat*

*a. Dok. 'AG10', kont visa card bin-numru 4568825010079552, f'isem l-attriċi, li nfetaħ fis-26 ta' Novembru 1998 u ngħalaq (saldat) fit-28 ta' Lulju 2005.*

*b. Dok. 'AG11', kont visa card bin-numru 4568821156006715, f'isem il-konvenut, li nfetaħ fl-4 ta' Ottubru 2007 u ngħalaq (saldat) fis-7 ta' Jannar 2012.*

*60. Fis-seduta miżmuma mill-esponenti tas-17 ta' Settembru 2012 xehed* **Jason Aquilina** *in rappreżentanza tal-kumpannija Nissan Motor Sales Ltd. Dan eżibixxa vehicle purchase agreement konkluż mal-konvenut; spjega 'lli peress li l-konvenut huwa membru tal-Missione Militare Italiana, huwa ntitolat li jakkwista minimu ta' żewġ vetturi ġewwa Malta liema akkwisti jkunu eżenti mill-ħlas ta' taxxa tar-reġistrazzjoni u V.A.T. Din l-eżenzjoni tiddependi fuq il-preżentata ta' numru ta' dokumenti lil Transport Malta, minn liema awtorita' toħroġ il-grant. Il-vettura in kwistjoni ġiet akkwistata versu l-prezz ta' EUR18,700, liema prezz tħallas a saldu. Ix-xhud ma kienx f'pożizzjoni li jixhed dwar it-termini miftiehma għal dan il-ħlas. Xehed fl-għeluq li l-vettura ġiet konsenjata lill-konvenut f'Novembru tas-sena 2009. In sostenn tax-xhieda tiegħu, ix-xhud eżibixxa Dok. 'JA1', Dok. 'JA2' u Dok. 'JA3'.*[20]

*61. Fl-istess seduta tas-17 ta' Settembru 2012 xehed* **Brian Farrugia** *in rappreżentanza ta' Transport Malta. Mir-riċerka mwettqa rriżulta lix-xhud illi l-vettura tal-għamla Nissan Qashqai, bin-numru ta' reġistrazzjoni JBN-593 hija reġistrata f'isem il-konvenut u ilha hekk reġistrata mid-19 ta' Novembru 2009; ix-xhud spjega li din il-vettura ġiet esportata fl-4 ta' Mejju 2010. Spjega wkoll illi rriżultatlu vettura tal-għamla Opel Corsa, bin-numru ta' reġistrazzjoni CAQ-405 reġistrata f'isem l-attriċi sa mit-8 ta' Marzu 1990. Fl-għeluq ix-xhud spjega li Transport Malta ma żżomm ebda informazzjoni dwar vetturi li jkunu ġewwa Malta iżda li jkollhom reġistrazzjoni estera.*

*62. Fis-seduta peritali tal-20 ta' Frar 2013 xehed il-***Kurunell Luca Mariz** *in rappreżentanza tal-Italian Military Mission; ix-xhud ikkonferma li l-konvenut serva mal-Missjoni minn Ġunju tas-sena 2007 sa April tas-sena 2010. Hekk kif dan it-tour of duty ġie kompletat, il-konvenut ġie rimpatrijat. Ix-xhud spjega 'lli l-konvenut għadu impjegat tal-Ministeru għad-Difiża Taljan, fl-ispeċifiku mal-Air Force. Spjega wkoll li l-Missjoni ma żżommx dokumenti ta' individwi li jkunu*

---

[20] Fol. 692

*telqu jew spiċċaw mis-servizz magħha u kwalunkwe nformazzjoni għandha tiġi mitluba tramite l-Ambaxxjata Tljana f'Malta. Ix-xhud spjega wkoll illi skont il-liġi Taljana, anke kieku l-Missjoni żżomm tali dokumentazzjoni, hija ma hijiex awtorizzata li tirrilaxxja l-istess. Kwalunkwe nformazzjoni fuq il-konvenut ġiet rimessa lill-Ministeru għad-Difiża Taljan.*

*63. Fis-seduta miżmuma mill-esponenti fil-25 ta' Mejju 2015 xehdet* **Maria Felice** *in rappreżentanza ta' Chiswick House School u St. Martin's College. Ix-xhud spjegat illi hija impjegata ġewwa l-accounts department taż-żewġt iskejjel. Ix-xhud eżibiet Dok. 'MF1' li jikkonsisti f'rendikont tal-miżati tal-iskola għal kull sena mill-2007 sal-2014. Il-figuri riportati f'dan id-dokument ma jurux il-ħlasijiet mitluba għall-worksheets; dawn tal-aħħar huma mniżżla bil-kitba fil-ġenb tad-dokument innifsu. Il-miżati huma soġġett għal żieda minn sena skolastika għall-oħra. Ix-xhud eżibiet ukoll Dok. 'MF2' u Dok. 'MF3' li huma rendikonti tal-fatturat u ħlasijiet magħmula tul is-snin sal-preżent. In kontro-eżami, riferibbilment għal Dok. 'MF2', ix-xhud tispjega illi dawk l-ammonti riportati tlett darbiet f'sena jirrappreżentaw il-miżata innifisha li titħallas kull scholastic term. L-ammonti ż-żgħar fis-snin KG1 u KG2 jirrappreżentaw extra hour supervision. L-ammonti ż-żgħar fis-snin JR3, JR4, JR5, JR6 jirrapreżentaw A.L.P. – alternate learning programe, li huwa programm intiż sabiex jassisti lill-alunni f'suġġetti 'lli fihom l-istess isibu diffikulta'. Tali programm jiġi fatturat skont l-attendenza tal-istudent.*

*64. Fis-seduta peritali tad-9 ta' Ġunju 2015 xehdet* **Maria Falzon** *ukoll in rappreżentanza ta' Chiswick House School u St. Martin's College. Din ix-xhud ikkonfermat li l-minorenni Y Di F attenda għal numru ta' sessjonijiet ta' A.L.P. Bħala l-għalliema tal-minorenni Y, tiddeskrivi lill-istess bħala tifel attiv ħafna u li jitlef il-konċetrazzjoni malajr bil-weak area tiegħu tkun l-ispelling. Tispjega 'lli Y huwa klassifikat bħala tifel with learning difficulties. Ix-xhud tispjega wkoll illi malli jirriżultaw tali diffikultajiet, alunn jiġi riferut lill-A.L.P. team li mbagħad jirreferi lit-tifel għand child psychologist li j/tħejji rapport dwar il-ħtiġijiet tat-tifel; l-iskola mbagħad tirrakkomanda skont dan ir-rapport. L-iskola ma timponix l-A.L.P. u din hija dejjem deċiżjoni tal-ġenitur. Ix-xhud tkompli li Y Di F, fis-sena 2011, ġie djanjostikat b'dyslexia. L-informazzjoni kollha f'dan ir-rispett ġiet kompilata mix-xhud f'Dok. 'IF1', Dok. 'IF2', u Dok. 'IF3'.*

*65. Fl-istess seduta peritali xehdet ukoll* **Charmaine Micallef** *in rapprezentanza ta' Chiswick House School u St. Martin's College. Ix-xhud tokkupa l-kariga ta' coordinator ġewwa St. Martin's College u xogħolha huwa li tassessja l-ħtigijiet tal-istudenti li jkunu ġejjin mill-junior school, Chiswick House School. Ix-xhud tispjega 'lli Y Di F kien ġie assessed fl-2011 mill-clinical psychologist, Denise Borg li kkonkludiet li l-minorenni jbati minn specific learning difficulties u ċioe' dyslexia. Tispjega wkoll li l-A.L.P. mhux neċessarjament jibqa' sal-Form 5 u li alunn jiġi assessed minn sena għal sena.*

*Skont ix-xhud il-programm tal-A.L.P. qiegħed jirnexxi u jista' jitwaqqaf fil-viċin. Tispjega wkoll li pero' fis-sena 2015, il-minorenni Y waqaf mill-A.L.P. f'Novembru, Diċembru u Jannar u minflok ħa lezzjonijiet fit-Taljan; tiddeskrivi din is-stwazzjoni bħala waħda mhux ideali. Dok. 'CM', ippreżentat mix-xhud juri li l-attriċi tagħat il-kunsens tagħha ghat-tkomplija tal-A.L.P. Il-kuntatt tal-iskola kien dejjem mal-omm u l-ewwel darba li x-xhud iltaqgħet mal-konvnut kien 3/4 ġimgħat qabel id-depożizzjoni tagħha meta dan avviċinaha minn jeddu sabiex jistħarreg x'inhu A.L.P.; ix-xhud tispjega li l-konvenut kien eżitanti dwar il-programm u deher li ma kienx infurmat fuq l-istess u fuq il-ħtiġijiet ta' ibnu."*

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

In vena preliminari, u b'referenza ghall-erbatax-il-eccezzjoni tal-konvenut rikonvenzjonant a fol 70, il-Qorti tinnota illi b'ittra datata 29 ta' Marzu 2011, l-attrici talbet illi tigi awtorizzata tipprocedi ghall-kawza ta' separazzjoni personali kontra zewgha in kwantu l-konvenut zewgha telaq minn Malta u ghalhekk il-process ta' medjazzjoni ma setax jigi segwit. B'digriet tal-5 ta' April 2011 (fol 55), din il-Qorti diversament preseduta awtorizzat lill-attrici tipprocedi bic-citazzjoni prevja l-konferma tal-ittra bil-gurament u l-hatra ta' kuraturi deputati jekk ikun il-kaz. Din l-eccezzjoni qed titqies ghalhekk sorvolata.

**<u>Htija tat-tifrik taz-zwieg</u>**

Permezz tal-proceduri odjerni, l-attrici qed titlob li l-Qorti tiddikjara li ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti unikament il-konvenut minhabba sevizzi, eccessi u ingurji gravi da parti tieghu. Il-konvenut qed jitlob fil-kontro-talba minnu intavolata li l-Qorti tiddikjara li ghat-tkissir taz-zwieg kienet tahti unikament l-attrici minhabba adulterju, abbandun, eccessi, sevizzi, ingurji gravi u wkoll minhabba inkompatibilita` ta' karattru.

B'zieda mal-gurisprudenza gja kkwotata mill-Perit Legali fir-rapport tieghu, dwar eccessi u sevizzi, issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Caterina Agius vs Benedict Agius** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 ntqal li:

*"Il-ligi taghna tqieghed bhala mottiv li jiggustifikaw l-azzjoni, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri".*

Fil-kawza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961, ntqal li:

*"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".*

Dwar ingurji gravi jinghad illi *"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom"* (**Marthese Vella pro et noe vs. George Vella** – PA deciza 28 ta' Frar 2003).

Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru 1951 fejn gie dikjarat illi:-

*"Mhux kull tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill-iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi.*

*Huma sevizzji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Jane sive Giovanna Cordina vs Dottor Albert V Grech et noe** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar 1965, dwar l-abbandun ntqal li:

*"Biex l-abbandun jkun kawzali ta' separazzjoni personali hemm bzonn li (1) jkun ghall-perjodu ta' almenu sentejn u (2) li jkun minghajr giusta kawza.*

*L-apprezzament ta' cirkostanzi ta' fatt jekk tezistiex jew le giusta kawza huwa mholli fil-kriterju tal-guidikant".*

Fil-kawza fl-ismijiet **Rosina Micallef vs Angelo Micallef** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1964, dwar l-adulterju ntqal:

*"L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indagni u presunzjonijiet, purche dawn jkun gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubbju f'min ghandu jiggudika."*

B'applikazzjoni tal-principji su-citati, l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet ulterjuri.

Il-Qorti tibda billi tinnota li hekk kif tajjeb ikkonkluda l-Perit Legali fir-rapport tieghu, la l-addebitu tal-adulterju u lanqas dak tal-abbandun ma gew ippruvati waqt il-proceduri odjerni. Ghalkemm il-konvenut rikonvenzjonant iressaq l-adulterju ta' martu bhala wahda mill-kawzali li wasslu ghat-tifrik taz-zwieg, din

ma giet bl-ebda mod issostanzjata waqt il-gbir tal-provi. Jinghad ghalhekk illi l-adulterju ma jirrizultax.

Ghal dak li jirrigwarda l-abbandun, jirrizulta illi s-sentejn statutorji rikjesti mill-Artiklu 41 tal-Kap 16, ma lehqux ghaddew qabel il-prezentata tar-rikors guramentat tal-attrici. Jirizulta mill-atti illi l-konvenut allontana ruhu minn Malta fis-sena 2010, mentri l-proceduri odjerni gew istitwiti fl-20 ta' Mejju 2011, inqas minn sentejn wara t-tluq tal-konvenut. F'dan l-isfond ma jibqalux wisq rilevanza l-fatt jekk kienx hemm raguni tajba ghall-abbandun skont l-istess Artiklu 41.

Iz-zewg partijiet jaddebitaw lil xulxin l-aggravji ta' eccessi, sevizzi u ingurja gravi. Kif tghallimna l-gurisprudenza patria, ma huwiex necessarju illi jigu ppruvati dawn il-kawzali kollha, izda huwa sufficjenti illi tigi ppruvata kawzali wahda, basta tkun tali li tirrendi l-konvivenza difficli jekk mhux impossibbli.

L-attrici tixhed dwar il-bidla fl-atteggjament tal-konvenut lejha u l-agir dispreggjativ u f'certu istanti anke aggressiv, li wera lejha. Dan it-tip ta' agir da parti tal-konvenut gie korroborat minn xhieda ohra bhal Vanessa Bonnici, Carmela sive Charmaine Chetcuti u Amanda Spiteri, liema xhieda ma gewx kontradetti. Dan kollu jindika agir sevizzjevoli da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu l-attrici.

Da parti tieghu, il-konvenut jirrelata kif il-kwazi-fissazzjoni tal-attrici fil-konfront ta' binhom minuri, u kif ukoll l-eskluzjoni tieghu mill-andament tal-hajja mizzewwga fixklet u kissret il-hajja konjugali ta' bejniethom. Huwa jiddeskrivi xenarji fejn wara li jkunu hadu decizjonijiet familjari bhala koppja, martu tbiddel il-binarju tal-ftehim li jkunu lahqu, u tiddeciedi dwarhom wahedha. Dawn id-decizjonijiet kienu jikkoncernaw primarjament lil binhom, izda dan l-agir taghha lahaq il-kulminu meta rrifjutat li tirritorna l-Italja ma' binhom kif kien miftiehem f' Settembru tas-sena 2010. Dan kollu wkoll jammonta ghal agir sevizzjevoli da parti tal-attrici fil-konfront tal-konvenut.

Jirrizulta ghalhekk li z-zewg partijiet huma hatja ta' sevizzi fil-konfront ta' xulxin. Il-Perit Legali jikkonkludi wkoll illi l-konvenut, in kwantu allega l-infedelta` ta' martu, izda naqas milli jissostanzjaha bl-ebda mod, huwa hati ta' offiza gravi fil-konfront taghha. Din il-Qorti qeghdha tiddipartixxi mill-konkluzjoni peritali in rigward, in kwantu ghalkemm huwa minnu illi fl-azzjoni rikonvenzjonali tieghu, il-konvenut jindika l-adulterju bhala kawza tal-firda, l-Qorti ma tirriskontrax dak rikjest mill-gurisprudenza nostrana sabiex tirrizulta ingurja gravi. B'mod partikolari ma kien hemm ebda akkuza jew allegazzjoni abitwali jew ripetuta da parti tieghu, u ma jidhirx li tali allegazzjoni kellha xi effett fuq il-konvivenza matrimonjali tal-partijiet. Tali kawzali ghalhekk ma tirrizultax.

Iz-zewg kontendenti qeghdin jitolbu illi jigu applikati kontra l-parti l-ohra id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 51 tal-Kap 16, jaghti s-setgha lill-Qorti li tapplika l-effetti elenkati fl-Artikolu 48, anke fil-kas fejn il-firda issir ghall-wahda jew izjed mir-ragunijiet indikati fl-Artikolu 40. L-Artikolu 52, jaghti lill-Qorti d-diskrezzjoni ta' kemm u kif dawn ghandhom jigu applikati fuq il-parti li tkun hatja tal-firda. Fil-kas in ezami, billi rrizulta li z-zewg partijiet huma responsabbli ghall-firda ghal ragunijiet li jinkwadraw taht l-Artiklu 40, il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 51 tal-Kap. 16 qed tiddeciedi li ghandhom jigu kkominati kontra z-zewg partijiet is-sanzjonijiet elenkati fl-Artikoli 48 tal-Kap. 16.

**<u>Kura u Kustodja u access ghall-minuri</u>**

Fil-kawza fl-ismijiet **Mario Darmanin vs Annalise Cassar** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 ntqal li:

*"…meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-meriti u demeriti tal-partijiet 'ut sic'izda biss dwar x'inhu l-ahjar interess tal-minuri".*

Fil-kawza fl-ismijiet **Miriam Cauchi vs Francis Gauci** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2008 intqal hekk:

*"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtiegilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi pprovdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma il-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Il-Qorti tabbraccja u tadotta l-konkluzjoni tal-Perit Legali illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, l-ahjar interess u stabilita` tat-tifel jiddettaw illi dan jibqa` taht il-kura ordinarja ta' ommu l-attrici, b'dan li ghandu jibqa` jirrisjedi maghha. Din il-konkluzjoni giet approvata wkoll mill-konvenut fin-nota finali tieghu.

Il-Perit Legali jikkonkludi wkoll illi l-kustodja tal-minuri ghandha tkun wahda kongunta b'dan illi decizjonijiet li jirrigwardaw is-sahha, l-edukazzjoni u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess, ghandhom jittiehdu miz-zewg partijiet

konguntament. In mankanza ta' provi li jindikaw nuqqas serju ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet, din il-Qorti tadotta tali konkluzjoni, in kwantu fejn dan hu possibbli, l-qbil bejn il-genituri u l-konsegwenti decizjonijiet konguntì ghandhom jitqiesu fl-ahjar interess tal-minuri. L-attrici stess fin-nota ta' kritika taghha tghid illi dejjem ftehmu u qablu dwar kif it-tifel iqatta` l-vaganzi skolastici u ghalhekk il-Qorti tifhem illi ma ghandux ikun hemm problemi sabiex il-partijiet jaslu ghal ftehim dwar decizjonijiet importanti li jikkoncernaw lil binhom.

Il-Qorti ma ghandhiex dubju illi access adegwat u relazzjoni soda ma' missieru huwa wkoll fl-ahjar interess tal-iben minuri tal-partijiet. Il-Perit Legali jirrakkomanda access ampju u liberu, filwaqt illi l-attrici fin-nota ta' kritika taghha tissottometti illi tkun iktar mohhha mistrieh jekk ikun hemm access regolat u stabbilit. Il-konvenut ukoll fin-nota tieghu jidher illi jaqbel ma' access stabbilit u regolari.

Il-Qorti sejra ghalhekk tirregola tali access bil-mod segwenti. Il-konvenut ikollu l-fakulta` illi jiehu l-minuri ghal gimgha gewwa l-Italja fil-vakanzi tal-Milied u tal-Ghid. izda bi qbil bejn il-partijiet, huma ghandhom jalternaw il-festi tal-Milied, l-Ewwel tas-sena u l-Ghid minn sena ghall-ohra. Fir-rigward tal-vakanzi tas-Sajf, l-access tal-konvenut ghandu jigi ezercitat minnu darbtejn gewwa l-Italja jew f'pajjiz iehor bi qbil bejn il-partijiet u dan ghal hmistax-il jum kull darba; fl-ewwel hmistax ta' Lulju u fl-ahhar gimgha ta' Awissu u l-ewwel gimgha ta' Settembru. L-attrici ghandha dritt issiefer mal-minuri ta' lanqas gimghatejn fis-sens sakemm ma jkunx hemm ftehim mod iehor mal-konvenut. Il-partijiet ghandhom jiftehmu bejniethom min minnhom se jakkumpanja lit-tifel waqt it-titjiriet, a spejjez tal-konvenut. Waqt il-mid-term holidays, in kwantu l-perijodu ta' vakanzi huwa qasir, il-konvenut ikollu access liberu gewwa Malta bil-possibilita` ta' sleepovers, u l-istess f'kaz li l-konvenut ikun Malta drabi ohra matul is-sena.

**<u>Manteniment</u>**

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Angela Conti vs Lawrence Bonnici** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2015 fejn gie dikjarat li :

*"Wiehed l-ewwel nett ghandu jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel Qorti biex tiffissa hlas ta' manteniment, l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skont l-artikoli tal-ligi fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Catherine Mifsud vs Louis Mifsud** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru 2013 gie dikjarat li:

*“Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta’ min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn (l-Artikolu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-manteniment jkun dovut skont il-bzonn ta’ min qed jitolbu). Skont is-subincizi l-ohra tal-istess artikolu l-manteniment ghandu jigi ffissat skont il-mezzi ta’ min huwa obbligat jivversah u dawn il-mezzi jinkludu l-qliegh mill-attivita’ tieghu u anke l-utili tal-beni tieghu.”*

Il-provedimenti fil-Kodici Civili dwar d-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lill-uliedhom huma s-segwenti:

Artikolu 7
*(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu,ighallmu u jedukaw lill-uliedhom bil-mod stabbilit fl-Artikolu 3B.*

Artikolu 19
*(1) Fil-manteniment jidhlu l-ikel. L-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni.*
*(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu ukoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.*

Artikolu 20
*(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta’ min jitolbu u l-mezzi ta’ min ghandu jaghtih.*
*(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xorta ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta’ xi professjoni, arti jew sengha.*
*(3) Meta jitqiesu il-mezzi ta’ min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghad biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm imobbli u kull dhul li jinholoq taht trust.*
*(4) Ma jitqiesx li ghandu mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief billi jilqa’ f’daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persina ma tkunx axxendent jew dixxendent.*
*(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta’ min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed qies ukoll ta’ kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta’ kull interess beneficjarju that trust.*

Il-Qorti tibda billi tabbraccja l-konkluzjoni tal-Perit Legali fir-rigward tal-fatt illi l-attrici hija kapaci illi tahdem u taqla` l-ghixien ghaliha nnifisha, u ghalhekk, tenut kont ukoll tal-gudizzju ta' din il-Qorti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artiklu 48 kontra z-zewg partijiet, din it-talba qed tigi respinta.

Dwar il-manteniment dovut ghall-minuri, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi tenut kont tal-bzonnijiet tat-tifel, tas-salarji rispettivi tal-partijiet, li ghas-snin 2014, kienet ta' madwar €1004 ghall-attrici u €1872 ghall-konvenut, kif ukoll tal-

ispejjez sopportati mill-partijiet, il-quantum li l-konvenut ghandu jivversa lill-attrici ghal binhom minuri huwa dak ta' €350 fix-xahar, li jizdied kull sena skont l-indici tal-inflazzjoni, u li jibqa’ jithallas sakemm it-tifel jaghlaq it-tlieta u ghoxrin sena jekk jibqa` jistudja full-time. Dan l-ammont jinkludi l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. L-ispejjez medici ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li l-ispejjez skolastici u edukattivi kollha, inkluz il-mizati ghandhom jithallsu fi kwoti ta' terz mill-attrici u zewg terzi mill-konvenut.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

Fid-dawl tal-provi prodotti u tal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali in rigward, il-Qorti qeghdha tordna s-segwenti l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti:

**L-immobbli ‘Peprina’, triq San Mikiel, l-Iklin u l-Immobbli ġewwa Via Massa d’Alba, 11, Magliano dei Marsi, Aquila**

Jirrizulta inkontestat illi l-immobbli gewwa l-Iklin jappartjeni lill-attrici *qua* ġid parafernali tagħha. Il-konvenut jippretendi rifuzjoni tas-somma minnu mhallsa sabiex jigi estint il-passiv tal-attrici fir-rispett tal-akkwist ta’ dan l-immobbli. Skont dikjarazzjoni maghmula mill-attrici quddiem in-Nutar Joseph Lia, datata 14 ta' Jannar 2005 (Dok RM4 ezebita waqt is-seduta peritali tal-4 ta' Dicembru 2014), l-attriċi ddikjarat ruħha debitrici tal-konvenut fis-somma ta’ LM20,000, ossia EUR46,587.47, liema somma giet identifikata mill-kontendenti bħala dik li *“(...) has been paid by the said X Di F out of his paraphernal property to pay paraphernal debts due by appearer Isabelle V De G to Bank of Valletta plc.”*. Fid-dawl tal-premess, il-pretensjoni tal-konvenut ghar-rifuzjoni ta’ din is-somma hija gustifikata.

Kif tajjeb jinnota l-Perit Legali fir-rapport tieghu, fuq l-att ta’ akkwist ta’ l-immobbli gewwa l-Aquila, gie dikjarat illi *“DI F X dichiara di esser coniugato con la signora V DE G C la quale interviene al presente atto al solo scopo di dichiarare, come dichiara, che l’acquisto degli immobili in oggetto, fatto dal proprio coniuge, e’ escluso dalla comunione dei beni fra di loro esistente, in quanto effettuato con denaro ricavato dalla vendita dei beni personali.” (749).*

Ghalhekk, japplika l-principju *contra scriptum non est argumentum*, u in kwantu l-attrici qatt ma mexxiet b'azzjoni sabiex tattakka l-validita` ta' tali dikjarazzjoni ma tistax issa tallega illi din ma tghoddx u tippretendi li l-immobbli huwa komuni. Jirrizulta ghalhekk illi din il-propjeta` tappartjeni lill-konvenut wahdu.

**Mobbli u oggetti ohra gewwa z-zewg immobbli gja assenjati**

Il-Qorti taqbel ma' dak kostatat mill-Perit Legali illi l-provi in rigward huwa tassew skarsi. L-attrici ssostni li l-mobbli kollha mizmuma fl-immobbli ġewwa Malta huma proprjeta' taghha; il-konvenut isostni l-istess dwar dawk mizmuma fl-immobbli gewwa l-Italja. F'dan l-isfond u ghall-finijiet ta' ekwita` izda wkoll ta' pratticita`, l-Qorti qeghdha tassenja l-mobbli u oggetti gewwa l-fond fl-Iklin lill-attrici u l-mobbli u oggetti ohra gewwa l-fond fl-Aquila lill-konvenut.

**Kontijiet bankarji u investimenti**

Tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz odjern, il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-Perit Legali illi kull parti ghandha tigi assenjata l-kontijiet bankarji u l-investimenti li jinsabu f'isimha, izda mill-banda l-ohra ma tistax tiskarta x-xhieda tal-konvenut waqt is-seduta peritali tal-23 ta' Ottubru 2013, fejn dan jixhed illi l-propjeta` gewwa l'Aquila giet imhallsa minn fondi gewwa kont komuni li hu ghandu ma' huh gewwa l-Italja. Huwa stess jghid illi sa qabel iz-zwieg kien faddal l-ammont ta' circa €66,000 li gew eventwalment trasferiti fil-kont komuni li ghandu ma' huh. Fix-xhieda tieghu tas-17 ta' Lulju 2015, huwa jghid illi fil-perijodu li hadem Malta, huwa gemma madwar €42,953.30. Jikkonferma wkoll illi fil-kont bankarju li ghandu gewwa l-Italja ma' huh, huwa ghandu flejjes parafernali, kif ukoll is-salarju tieghu waqt iz-zwieg. Jidher ghalhekk illi huwa ammess li waqt iz-zwieg, il-konvenut kien jitfa` parti mill-qliegh tieghu, allura appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, f'dan il-kont li kellu komuni ma' huh.

In mankanza ta' ammonti konkreti li jindikaw kemm tassew mill-ammonti li jinsabu fuq il-kont komuni bejn il-konvenut u huh jappartjenu lill-komunjoni, il-Qorti qeghdha, fid-dawl tax-xhieda tal-konvenut hawn fuq riportata, tindika arbitrio boni viri s-somma ta' €42,000 bhala dik appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti u li giet depozitata fil-kont tal-konvenut flimkien ma' huh. L-attrici ghandha ghalhekk dritt li tigi rifuza s-somma ta' €21,000, bhala sehemha mill-qliegh tal-konvenut waqt iz-zwieg, li gew utilizzati mill-konvenut unilateralment.

**Vetturi**

Jirrizulta qbil bejn il-partijiet illi l-vetturi li nxtraw fiz-zwieg kienu: Nissan Qashqai (JBN-593) li tinstaq mill-konvenut gewwa l-Italja; Fiat Punto Evo (LCV-329) li tinstaq mill-attrici gewwa Malta; Fiat Punto (TFI-876) li tinstaq mill-konvenut gewwa l-Italja, u scooter tad-ditta Suzuki li jinstaq mill-konvenut gewwa l-Italja.

Filwaqt illi l-Qorti tadotta l-konkluzjoni tal-Perit Legali in rigward, jew ahjar, illi kull parti ghandha tigi assenjata dawk il-vetturi li jinstabu fil-pussess taghha, tiddipartixxi minnha in kwantu tiddikjara li ebda ekwiparazzjoni ma hija dovuta lill-attrici. Dan jinghad b'referenza ghas-somma ta' madwar Lm9,000 illi l-attrici ppercepiet mat-tmiem tal-impjieg taghha mal-AirMalta, kif tixhed hi stess waqt

is-seduta peritali tal-4 ta' Dicembru 2014 (fol 855), u li hi stess tammetti illi nefqet f'ghamara u oggetti ohra u *maintenance* gewwa d-dar parafernali taghha. In kwantu tali somma giet percepita waqt iz-zwieg, kellha tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Ghalhekk, qed jigi deciz li kwalsiasi valur mizjud li l-vetturi assenjati lill-konvenut jista' jkollhom fuq dik assenjata lill-attrici, jmur sabiex jaghmel tajjeb ghal sehem il-konvenut mis-somma hawn fuq deskritta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni u l-kontro-talba billi:

1. Tilqa` parzjalment l-ewwel talba attrici kif konvertita u tilqa` parzjalment l-ewwel talba rikonvenzjonali, u tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet b'mod ugwali.

2. Tilqa` t-tieni talba attrici u t-tieni talba rikonvenzjonali.

3. Tilqa` parzjalment it-tielet talba attrici u t-tielet talba rikonvenzjonali; tafda l-kura ordinarja tal-minuri lill-attrici, b'dan illi l-kustodja tal-minuri ghandha tkun wahda kongunta u d-decizjonijiet li jirrigwardaw is-sahha, l-edukazzjoni u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess, ghandhom jittiehdu miz-zewg partijiet konguntament. L-access tal-konvenut ghall-minuri ghandu jigi ezercitat bil-modalita` stabbilita taht l-intestatura “Kura u Kustodja u Access ghall-minuri”.

4. Tichad ir-raba` talba rikonvenzjonali u tichad dik il-parti tar-raba` talba attrici fejn talbet manteniment ghaliha u tilqaghha in kwantu tiffissa manteniment dovut mill-konvenut ghal binhom minuri fl-ammont ta' €350 fix-xahar, li jizdied kull sena skont l-indici tal-inflazzjoni, u li jibqa’ jithallas sakemm jaghlaq it-tlieta u ghoxrin sena jekk jibqa` jistudja full-time. Dan l-ammont jinkludi l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. L-ispejjez medici ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li l-ispejjez skolastici u edukattivi kollha, inkluz il-mizati ghandhom jithallsu fi kwoti ta' terz mill-attrici u zewg terzi mill-konvenut.

5. Tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Tichad is-sitt talba attrici u s-sitt talba rikonvenzjonali in kwantu ma tressqux provi in rigward.

7. Tilqa` s-seba` talba attrici u s-seba` talba rikonvenzjonali konformi ma' dak gja deciz taht l-intestatura 'Komunjoni tal-Akkwisti.'

8. Tilqa` t-tmien talba attrici u t-tmien talba rikonvenzjonali, tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tassenja l-assi formanti parti ta' l-istess skont dak deciz taht l-intestatura 'Komunjoni tal-Akkwisti.'

9. Tilqa` d-disa` talba.

10. Tichad id-disa` talba rikonvenzjonali in kwantu mhux necessarja.

11. Tilqa` l-ghaxar talba attrici u l-ghaxar talba rikonvenzjonali.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati, nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**